

# dawl Franġiskan

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

FRAR 2011 – IL-31 SENA – GHADD 307 – NEWSPAPER POST – IISN 1811-5373













3 **X'Jagħmel Familja Nisranija?**
Editorjal

4 **Personaġġi Bibliċi**
minn Mons. Lawrenz Sciberras

6 **Reċensjoni**

7 **L-Aħwa Kapuċċini F'Laqgħa Tal-Milied 2010 F'Għajn Dwieli**
minn Fr Joe Buttigieg OFMCap

8 **Franġiskanismu**
minn Patri Ivan Scicluna OFMCap

10 **FRA BASKAL CARUANA OFMCap**
**50 Anniversarju mill-Professjoni Perpetwa**

14 **IL-BOLOL TA' MALTA (25)**
minn Tony C. Cutajar

15 **Okkult**
minn Fr Franco Fenech OFMCap

16 **Rumanz - Fjuri li ma jinxfux (2)**
minn Oliver Friggieri

18 **Tifkira ta' Patri William Axiaq OFMCap (2)**
minn Fr Martin Micallef OFMCap

22 **L-EFFETTI TAT-TELEVIXIN FUQ IS-SAĦĦA TA' WLIEDNA - IMPLIKAZZJONIJIET U RIKOMMANDAZZJONIJIET (I)**
minn Dr Chris Sciberras
M.D., M.R.C.P.C.H (UK), M.Sc. Comm.Paed (Warwick), D.C.H (Dublin), Cert. Dev.Paed. (London)

23 **Novella**
minn Emily Barbaro-Sant

24 **Storja tal-Kapuċċini**
minn Winston L. Zammit B.A.(Hons) P.G.E.C., M.A.

25 **Ġi.FRA**
minn Marija Spiteri

26 **Ġesù Kontinwament Jistieden!**
minn Fr Joe Giuliano OFMCap

28 **Teoloġija tal-Ġisem**
minn Patri Mario Attard OFMCap

30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **Missjoni Kuba**
minn Fr Philip Cutajar



**Ħlas ta' l-Abbonament: €9.32 fis-sena.**

Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur:

**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN1211**




*Qoxra:*
**Il-Papa Benedittu XVI f'mument ta' talb fis-skiet quddiem l-istatwa ta' San Pawl fil-Grotta tal-Knisja Arċipretali tar-Rabat fis-17 t'April 2010.**


**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frano Fenech OFMCap
Ivan Scicluna OFMCap
Martin Micallef OFMCap

**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - FRN1211
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: leofalzon@waldonet.net.mt

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
Gutenberg Press Ltd.
Tel: 2189 7037


*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*


© Dawl Franġiskan 2011
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini



# X'JAGĦMEL FAMILJA NISRANIJA?

Dan Wilcox u Thad Mumford qalu hekk: **"Ma jimpurtax kemm raġel ikun fqir. Jekk għandu familja huwa għani"**. Jekk li jkollok familja huwa għana fih innifsu x'jagħmel lill-familja Nisranija għanja bil-bosta ħdejn familji oħrajn?

Fil-messaġġ tagħhom għall-Avvent tas-sena 2010, imsejjaħ Il-Presepju fil-Familji Tagħna, l-isqfijiet tagħna, Mons. Pawl Cremona o.p. u Mons. Mario Grech iqisu lill-familja bħala presepju, fejn fih, fuq l-eżempju ta' Marija, Ġużeppi u t-tarbija Ġesù hemm l-omm, il-missier u l-ulied. Kien għalhekk li għamlu sejħa biex **"nagħmlu iktar biex dan il-presepju – ta' tarbija mdawra minn omm u missier – ma jkunx mittiefes fostna l-bnedmin, ma' kull tarbija!"**. Imma x'nagħmlu?

- L-ewwelnett, irridu nibdlu l-mod ta' kif inħarsu lejn iż-żwieġ. Fil-fehma Nisranija, iż-żwieġ huwa komunjoni dejjiema ta' mħabba msejsa fuq il-fedeltà tal-koppja li ma tinħallx. L-għaqda fl-imħabba turi ruħha fil-kwalità tal-attività sesswali bejn il-koppja miżżewġa. Għal dan il-għan, **"l-edukazzjoni sesswali trid tibda minn dak li hu uman fostna – l-imħabba tal-koppja, u r-rispett lejn xulxin – li mbagħad tinfirex fuq l-aspett fiżiku tas-sesswalità b'dak l-aspett tant sabiħ tal-ferħ u l-pjaċir, li jressaq il-koppja lejn xulxin. U dan ikun il-qafas propju fejn il-Mulej jista' jibgħat tarbija u jaf li se tkun milqugħa bl-imħabba li jkun hemm f'dak l-att sesswali"**.
- It-tieni nett, għax it-tarbija hija frott l-imħabba totali bejn ir-raġel u l-mara huwa importanti li nifhmu li **"għandha titqies bħala valur u don fiha nnifisha, iktar u iktar meta nikkunsidraw li hija don ta' Alla"**. Dan ifisser, li **"għalina l-Insara, kull dritt li nagħtu lill-persuna adulta jrid ikun – għallinqas – mogħtija lil kull tarbija fil-ġuf jew lit-tifel jew tifla"**. Ma nistgħux nagħżlu x'tip ta' tarbija għandu jkollna **"għax id-drittijiet u l-well-being tagħha huwa dritt ikbar minn ta' kull persuna oħra u ma nistgħu qatt nissuġġettawh għalih"**.

Fl-aħħarnett, it-trobbija tat-tarbija mgħandiex tkun biss waħda materjali, imma, u fuq kollox, spiritwali. Dan għaliex **"Alla l-imbierek... jistenna li l-ħidma prinċipali tal-koppja (għandha tkun) it-tħejjija spiritwali tagħhom fl-imħabba dejjiema biex permezz tagħha kull tarbija mhux biss titwieled iżda tikber imħaddna mill-imħabba tal-ġenituri"**.

- L-att sesswali bejn il-koppja huwa magħmul bi mħabba u r-rispett u miftuħ għall-ħajja umana?
- Tarbija hija rigal ta' mħabba mill-Mulej kif imfissra fl-imħabba tal-koppja?
- Id-drittijiet tagħha huma rispettati?
- Qiegħdha tittrawwen fil-valuri Nsara?

It-tweġibiet tagħna għal dawn il-mistoqsijiet jikxfu tabilħaqq jekk il-familja tagħna hijiex Nisranija jew pagana. •



# Erodja

## Imħassra u qalbha ġġib tassew

**Fil-ktieb tal-Proverbji kapitlu 31 hemm kliem ta' tifħir qawwi lejn dik il-mara tal-galbu, serja, bil-għaqal u li tibża minn Alla. "Mara ta' ħila min isibha? Tiswa ħafna aktar mill-ġawhar". Għal kontrarju l-stess kotba jikkundannaw bil-qawwa kollha lil dik il-mara mtajra u għajjura. Il-Koħelet jgħid li mara ta' din ix-xorta hija "morra aktar mill-mewt. Hi nassa minn fuq s'isfel, qalbha xibka u dirgħajha ktajjen" (Koh 7:26b). Dawn il-kliem japplikaw fl-aqwa tagħhom għal Erodja, il-mara ta' Filippu. Ħalli naraw kemm dan huwa tassew veru.**

### FILIPPU U MARTU ERODJA

Filippu kien it-tifel ta' Erodi l-Kbir dak is-sultan li qatel il-martu, tliet minn uliedu u t-trabi subien ta' Betlehem, biex mingħalih joqtol ukoll lil Ġesù. Fi tfuflitu dan Filippu ħa ħafna mill-edukazzjoni tiegħu Ruma. Meta miet Erodi l-Kbir, ibnu Filippu ħa bħala wirt lill-Batanija, Trakonitik Awraniti, Gawlaniti u Panjas. Filippu kien tassew eċċezzjoni għaliex kien bniedem ħanin uqalbu f'idejh.



Mhux hekk kienet martu Erodja; ambizzjuża, għajjura u lesta li tagħmel kollox basta tasal għal għan ħajjen tagħha. U allura ma tantx setgħu jaqblu flimkien. Darba waħda Erodi Antipa mar iżur lil ħuh Filippu, u baqa' milqut mis-sbuhija ta' Erodja l-mara leġittma ta' ħuh Filippu" (Mk 6:17).

Bis-sewwa jew bid-dnewwa, Antipa ħeles mill-ewwel mara tiegħu li kienet bint Areta sultan tal-Arabja, biex iżżewweġ b'mod ħażin lil Erodja. Din Erodja issa marret tgħix flimkien ma' bintha Salome fil-Galilija u fil-Pereja.

### IL-BNIEDEM TAD-DEŻERT

Din l-aħbar xterdet bħal leħħa ta' berqa u kulħadd sar jaf bil-ħajja skandaluża li kien jgħix is-sultan. Imma min kien se jissogra jlissen kelma waħda kontra dawn it-tnejn? Jekk tilgħab man-nar tinħaraq żgur.

U Erodja issa ferħana se ttir, ma jonosha xejn. Irnexxielha tagħmel dak li trid b'żewġha. Kienet taf li mhix tgħix ħajja sewwa, imma min kien se jażżarda jkellimha? Kellha is-setgħa. U b'rasu jdur. Sa fl-aħħar tfaċċat persuna, magħluba f'suritha, wiċċu mixrub bil-penitenzi li kien jagħmel, maħruqa bix-xemx ħarra tad-deżert tal-Ġudea: dan kien Ġwanni l-Għammiedi. Fuq kollox dan ir-raġel kien qaddis u qabel kollox u kulħadd kienet l-ewwel tiġi l-liġi ta' Alla.



Dan Ġwanni għamel il-qalb u mar qrib il-palazz ta' Antipa u fil-preżenza ta' ħafna nies li kienu jisimgħuh qallu lil Antipa: **"Int lil dik ma tistax iżżommha għandek"**. Kien kliem li jniggeż, imma għaliex kien kliem mimli verità. U hawn fit-tnejn issir reazzjoni diversa minn ta' xulxin, dejjem skont il-karattru. Erodi Antipa kien joqgħod jaħseb fuq kliem bħal dan,

għaliex fil-fond ta' qalbu kien jaf li l-Battista kien jgħid il-verità. Għal kuntlarju, Erodja bdiet tberren f'moħħha x'mezzi se tuża u tħaddem biex twarrab min-nofs darb'għal dejjem lil Ġwanni. Din l-adultera rnexxilha tikkonvinċi lil Antipa biex iwarrab min-nofs lil Ġwanni. Fil-fatt hekk ġara. L-Għammiedi sab ruħu mixħut il-ħabs tal-fortizza Makeronte. Din kienet fortizza n-naħa l-oħra tal-Baħar il-Mejjet. Magħha kien hemm ħabs imsemmi għal-ħruxija tiegħu, u li minnu ftit kienu dawk li ħarġu ħajjin wieħed fosthom kien Ġwanni l-Battista.



## QALBHA ĠĠIB TASSEW

Interessanti ħafna kif din l-istorja ta' Erodi Antipa, Erodja u l-qtil ta' Ġwanni l-Battista jsemmiha wkoll l-istoriku Lhudi Ġużeppi Flavju. Dan allura jfisser kemm ħalliet eku fost dawk in-nies. Bilfors li din l-istorja qajmet għagħa kbir fost il-Lhud. Kif żvolġiet din l-istorja jiddeskriviha tajjeb ħafna l-Evanġelista Marku: **"Mela wasal jum tajjeb, meta Erodi għalaq sninu u għamel ikla lill-kbarat tiegħu, lill-fizzjali l-għolja u lill-awqa nies tal-Galilija"** (Mk 6:21).

Fix-xena issa tidħol Salome, bint Erodja, fula maqsuma ma' ommha. Tfajla mħassra u lesta biex tħassar lil oħrajn. Din Salome daħlet tiżfen, żfin li jpaxxi senswalment lil Antipa u 'l dawk kollha ta' madwaru. Salome tat ħafna gost lil ommha. Erodi Antipa minfuħ kif kien donnu ried jagħmel waħda minn tiegħu. L-inbid tela' sewwa għal rasu, is-sħana tal-ambjent kompla kebbes fih illeblieba, il-pjaċir tiliflu kull rażan, tant li għajjat: **"Titlobni x'titlobni, kollox nghtik, imqar nofs is-saltna tiegħi"**. Hawn Salome ma għaġġlitx tiddeċiedi, tant li marret tieħu l-parir ta' ommha Erodja.

L-omm li ġo fiha kellha s-sem tal-lifgħat mill-ewwel ftakret li issa huwa l-waqt tajjeb biex tpattlha lil Ġwanni l-Għammiedi. La flus, la ġojjelli u anqa ebda unur ieħor ma għadda dak il-ħin minn moħħ ommha Erodja għajr il-mewt ta' Ġwanni.

Id-diskursata bejn l-omm li kienet f'għorfa oħra għaliha ma' nisa oħra – hekk kienet id-drawwa dak iż-żmien – u bintha Salome kienet qasira ħafna: Salome l-ewwel ħarġet imbagħad reġgħet daħlet fis-sala prinċipali fejn kien hemm Erodi Antipa u lissnet dak li qaltilha ommha: **"Irridek issa stess tagħtini ras Ġwanni l-Battista fuq platt"**. Sajjetta fil-bnazzi, tempesta f'nofs ta' baħar! Jekk Antipa ħaseb dwar ħafna rigali, żgur li dan ma għaddilux minn moħħu. Imma qalb ta' mara mħassra u għajjura kapaċi tasal u tagħmel kollox. Ma jibqa' l-ebda forma ta' raġunar magħha!

## KONSEGWENZU KOROĦ

Antipa biex mingħalih ma jerġax lura mill-kelma li ta bagħat jaqta' ras l-Għammiedi. Xena makabra, xena ta' waħx u stmerrija, xena ta' demm, xena ta' twerwir. Tara ras ta' bniedem – u fil-kas tagħna xi kwalità ta' bniedem qaddis – bid-demm għadu frisk iċarċar ġo platt. Altru mela li qalb Erodja kienet iġġib!

L-Evanġelju ma jgħidx x'kienet ir-reazzjoni ta' Erodja ma' ras l-Għammiedi. Mingħaliha li rebħet Erodja, issa li Ġwanni huwa msikket darb'għal dejjem. Min jaf Erodja kemm għaddiet b'disprezz ras il-Battista; nistħajjel li Erodja sfidat lil dik ir-ras bla ħajja, imma qaddisa biex titkellem. Nistħajjel li beżqitilha, għaliex dan kien l-aktar sinjal estern ta' disprezz lejn il-bniedem. Ftakar x'għamlu l-Lhud ma' Kristu meta kien fil-bitħa tas-Sinedriju. **"Bdew jobżqulu fuqu"** (Mk 14:65). Erodja mara mill-agħar, mara bla qalb, mara li tiżra biss il-mibegħda u l-firda tellfet nofs saltna lil bintha Salome u qatlet lil Ġwanni l-Battista.



X'ġara minn Antipa u Erodja wara din il-ġrajja hekk kerha? L-istorja tagħtina informazzjoni dettaljata. Fi ftit kliem mill-ħażin għall-agħar, minn abbiss għal ieħor. Sewwa li ngħid biex dan Antipa ħa lil Erodja b'martu, Antipa keċċa l-ewwel mara li kellu. Din kienet bint Areta sultan tal-Arabja. Għalhekk Areta missier l-ewwel mara ta' Antipa ried ipattihielu lil Antipa tant li għamillu gwerra qalila ħafna. Dan ġara fis-sena 36 wara Kristu.

Ukoll fit-tmexxija Antipa beda jħawwad bis-sħiħ u dan għaliex Erodi Antipa ta kas iżżejjed ta' Erodja. Din kompiet tniżżel 'l isfel lill-istess żewġha Antipa. Erodja pperswadiet lil żewġha Antipa biex imur Ruma jieħu sodisfazzjon ta' ċerti inġustizzi li kienu qiegħdin isiru miegħu. Imma swielu agħar; għaliex kemm hu kif ukoll Erodja t-tnejn ġew eżiljati f'Lijon mill-qawwa ta' Ruma.

Sa dan l-istat baxx kienet kapaċi twassal Erodja lil żewġha Antipa. Tassew jixirqulha l-kliem ta' Bin Sirak:

**"M'hemmx semm agħar mis-semm ta' serp**
**U m'hemmx għadab agħar mill-għadab ta' għadu.**
**Iktar ingħix ma' iljun jew inkun għal qalbi ma' dragun**
**Milli ngħix ma' mara ħażina**
**Il-ħażen ta' mara jbiddlilha l-bixra tagħha,**
**U jdallmilha wiċċha daqs ta' ors"** (Sir 25:5-17). •

## REĊENSJONI

# "Il-MASTRUDAXXA ta' NAZZARET"

**Mons. Lawrenz Sciberras**
**108 paġna, illustrat, €6**




San Ġużepp huwa qaddis imgeżwer fil-misteri kbar marbuta ma' familja kollha kemm hi speċjali. Alla lilu għażel u għabbieh bir-responsabbiltà biex jerfa' l-piż u iwieġeb quddiem l-awtoritajiet Lhud għal dik il-familja. Mhux biss, imma dan il-mastrudaxxa għatta għal quddiem in-nies ta' din id-dinja dak li kien imħejji sa mill-eternità rigward it-twelid tal-Verb magħmul bniedem.

Wieħed però ma għandux jaqla' jew iġenneb il-ħajja ta' dan il-mastrudaxxa mill-ambjent purament li fih twieled, għex, trabba u miet. Dak kollu li huwa marbut mal-ambjent soċjali u reliġjuż tal-Lhud: Mela l-ħarsien ta' jum is-Sibt, il-ħarsien tal-festi prinċipali, speċjalment dik tal-Għid tal-Lhud, iċ-ċerimonja taċ-ċirkunċiżjoni lit-tarbija Ġesù, il-preżentazzjoni ta' Ġesù meta kellu biss erbgħin jum, it-talb preskritt ta' kuljum fil-familja flimkien mal-bosta debħiet u l-għexur li kull kap tal-familja kellu jagħmel fit-tempju ta' Ġerusalemm, dan jkollu għamlu l-ġust Ġużeppi.

Taqsima oħra interessanti f'dan il-ktieb ġdid hija il-kwalità ta' paternità li dan Ġużeppi kellu vis-a-vis it-tifel u martu Marija li ġew afdati taħt il-ħarsien sħiħ tiegħu. Skond il-liġi mużajka Ġużeppi kien missier Ġesù, il-mastrudaxxa għalhekk kellu jieħu ħsieb ukoll tal-għajxien tat-tifel, tal-edukazzjoni tiegħu, u xejn anqas ta' kull forma oħra ta' ħarsien u responsabbiltà.

Il-ktieb jiġbor ukoll tagħrif meħud mid-diversi tagħlim ta' Missirijiet il-Knisja dwar San Ġużepp kif ukoll dokumenti tal-Papiet matul il-pontifikat tagħhom. Għaliex il-mexxejja tal-Knisja dejjem raw parallelliżmu kbir bejn San Ġużepp u t-tmexxija tal-Knisja afdata lilhom. Fl-aħħar tal-ktieb hemm ukoll kurunella għandha aktar minn mitt sena li tant tfaħħar il San Ġużepp.

Ta' min għalhekk jakkwista kopja ta' dan il-ktieb tal-biblista Mons. Lawrenz Sciberras. Fil-gżejjer tagħna hawn devozzjoni tassew qawwija lejn dan il-qaddis. Parroċċi sħaħ iddedikati lilu, fratellanzi, artali b'tant tiżjin, ismijiet ta' nies, toroq, djar, baned, statwi u niċeċ eċċ. Imma hemm bżonn li din l-imħabba lejn San Ġużepp tkun aktar ġenwina u safja u fuq kollox Bibblika.

Dan il-ktieb għalhekk jgħina biex naslu għal dan kollu. Kopji tal-ktieb jinsabu fil-librerija prinċipali tal-gżira jew jista jordnahom direttament minn għand l-awtur. Tel 21551420. Ix-xahar ta' Marzu li huwa ddedikat kollu lil dan il-qaddis huwa żmien biex jixprunana nkabbru l-imħabba lejn dan il-qaddis ħarries tal-familji insara. •

# L-AĦWA KAPUĊĊINI F'LAQGĦA TAL-MILIED 2010 F'GĦAJN DWIELI



## NIES F'MIXJA

Appuntament ta' kull sena li fih l-Aħwa Franġiskani Kapuċċini fil-ġranet tal-Milied jiltaqgħu f'ambjent fratern u flimkien jgħixu t-tifsira tal-Milied. Il-laqgħa saret filgħodu fil-kunvent ta' Għajn Dwieli nhar it-Tejn 27 ta' Diċembru. Bidet b'power point tal-okkażjoni. Inqara messaġġ tal-Misinstru Ġeneral tal-Ordni li kien bagħat lill-Aħwa kollha u fl-aħħar il-Provinċjal Emmanuel Barbara għamel tħeġġiġa b'tifsira sabiħa. Sar it-tiġdid tal-Wegħdiet Reliġjużi quddiem Ġesù Sagramentat.

Il-Ministru Provinċjal ma fehemx jagħmel xi diskors imma jirrifletti u jġib għall-attenzjoni tal-Aħwa tal-fraternità Provinċjali l-ħsieb ewlieni tal-messaġġ tal-Ministru Ġeneral tal-Ordni għall-Milied.

Il-messaġġ ta' Fr Mauro Jöhri għandu jkun ta' stedina, tnebbieħa u sfida għal kull wieħed mill-Aħwa biex nieħdu fuqna mpenn ta' kif ngħixu u nagħtu xhieda tal-kariżma ta' San Frangisk, dik li nkunu fraternità Evanġelika f'mixja dejjiema.

Dan huwa mibni fuq l-ewwel żewġ kapitli tal-Evanġelju skont San Luqa fejn jissemmew nies li jridu jkunu ta' eżempju ħaj għalina biex aħna ngħixu din il-mixja dejjiema.

Fuq quddiem insibu lil anġli li jiġu mibugħta lil Zakkarija, lil Marija, lir-ragħajja. Imbagħad Marija li tħaffef lejn il-għoljiet biex iżżur lil Elizabetta. Il-qraba u l-ġirien li jmorru jifirħu bit-twelid ta' Ġwanni l-Għammied. Ir-ragħajja li jitilqgħu lejn Betlehem. Dawn tal-aħħar kienu nies magħżula mill-ħajja ta' kuljum biex jimxu, ukoll f'nofs ta' lejl, ħalli jmorru jaqsmu l-ferħ ta' familja.

Il-mixja tagħna bħala Aħwa Kapuċċini lejn xulxin tfisser li kull wieħed joħroġ minnu nnifsu biex imur ifittex u jiltaqa' mal-ieħor. Din il-laqgħa trid tinbena fuq il-verità li ma teskludix il-karità. Dan jitlob disponibbiltà tal-ħin tiegħi biex inkun mal-oħrajn, nisma' lil ieħor, naqsam ħajti mal-aħwa.

**X'qed nistennew? Ejjew nitilqgħu!** •



# "IL-ĦAJJA MGĦAĠĠLA WISQ, FATHER!"

# FRANĠISKU T'ASSISI JOFFRIELNA SOLUZZJONI.

"Il-ħajja mgħaġġla wisq, Father!" Din il-frażi nħossha dieħla u ħierġa minn widnejja! Jumejn ilu, f'temp ta' ftit sigħat, qaluhieli tliet persuni differenti. Donna qed nintgħaġnu f'kultura ta' għaġġla li taqtagħlek nifsek. Qed ninqabdu f'morsa ta' ħaġa wara l-oħra li qed inħossuha tifgana. Xi kultant ifettili nosserva ftit għajnejn in-nies: ħafna minnhom nilmaħhom iwersqu u mxennqin għal mument ta' kalma, ta' mistrieħ, ta' distanza mill-ferneżija tar-rutina mgħaġġla.

Kemm hi f'waqtha r-riflessjoni li jagħmel Rużar Briffa fil-poeżija tiegħu 'Quo Vadis?' ('Fejn Sejjer?') li fiha jimmaġina ħarruba mgħobbija bis-snin

**"Tħares madwarha**
**ħa tara l-għaġġla tan-nies għaddejjin**
**… u taħseb: Fejn huma sejrin**
**għal dejjem bla sabar**
**min-nieqa sal-qabar**
**dal-ħalja bnedmin?**
**Fejn huma l-għeruq?**
**(…) għaliex ftit mistrieħ**
**għalihom ma hemmx**
**u l-lehma biss tagħhom**
**il-ħajja tas-suq?"**

Din il-mentalità għaġġelija donnha rnexxielha titħabbeb ma' kulħadd. Sabet wens f'kull post, f'kull dar, anki fil-kunventi u fil-monasteri tar-reliġjużi … saħansitra fl-għarix tal-eremiti! Brother David Steindl-Rast, Monaku Benedittin, jagħtina x'nifhmu li huwa familjari mad-dwiefer tal-kultura tal-għaġġla meta jistqarr b'sinċerità kbira li, ***"like most of us, most of the time, I am not really fully present where I am. Instead I'm 49 per cent ahead of myself, focused on what's going to come, and 49 per cent behind myself, hanging on to what has already passed. There's hardly any of me left to be present."***



"X'kien is-sigriet ta' Frangisku? Ir-raġuni hi sempliċi: il-Fqajjar t'Assisi kien sar realista konvint mill-verità li xejn daqs Alla ma hu importanti fil-ħajja u li kull ħaġa kellha importanza biss fiH u għaliH, mhux fiha nnifisha."

Forsi din mhijiex biss is-sitwazzjoni ta' Brother David, imma ta' ħafna minna. Donna qed insiru nqas kapaċi niggustaw il-grazzja tal-mument preżenti. Waqafna ntiehmu l-benna ta' l-issa. Għalkemm ġisimna jkun qed jgħix fi Frar tal-2011, moħħna jkun diġà qed jaħseb x'se jkun sar sa tmiem is-sena. Thich Nhat Hanh, Monaku Buddista, jirrakkonta fatt ħelu ta' meta l-Budda ġie mistoqsi x'joqgħod jagħmel flimkien mal-Monaċi l-oħra. Il-Budda wieġeb hekk: **"X'nagħmlu? Nieklu, nimxu, u noqogħdu bilqiegħda."** "Tajba din! Mhux kulħadd jiekol, jimxi u joqgħod bilqiegħda?" wieġbu dak bir-ragħwa f'ħalqu. Il-Budda kompla jispjega: **"Meta nieklu, nafu li qegħdin nieklu. Meta nimxu, nafu li qegħdin nimxu. Meta noqogħdu bilqiegħda, nafu li qegħdin bilqiegħda."** Hanh ikompli jikkummenta dwar dan il-fatt u jispjega kif iktar ma nsiru konxji ta' x'qed jiġri ġewwa fina u madwarna (*"mindfulness"*), iktar ma nibdew immissu profondament il-mument preżenti, nintebħu li nibdew naraw u nisimgħu b'mod profond. Nibdew inlaħħmu dak il-prinċipju mitqlu deheb li wieħed Ġiżwita għaref kien lissen quddiem sala studenti universitarji: *"In life not hasting, but tasting!"* (**"Fil-ħajja mhux kemm ngħaġġlu jgħodd, imma kemm intiehmu dak li nkunu qed nagħmlu!"**).

Franġisku t'Assisi rnexxielu jagħmel dan! Kien kapaċi jieqaf u jiggosta s-sbuħija ta' xemx tielgħa, it-tpespisa ta' għasfur, iż-żifna ħelwa tal-fjuri fiż-żiffa, il ħelu li kienet issajjarlu Jacopa. U xi ngħidu għan nar? Kemm kien iħossu affaxxinat b' **"ħuna n-nar"**! Tant kien ikun meħud bil-meravilja ta' dawk il-fjammi kkuluriti jiżfnu quddiemu li kien jogħxa jitkellem man-nar u jsejjaħlu **"sbejjaħ, kollu ħajja, qawwi u sħiħ."** Bl-istess mod, Franġisku kien jaffaxxina ruħu bid-dehra tal-art li troddilna **"ħxejjex, ilwien ta' ward u l-frotta bnina."** L-artista Giustina de Toni tesprimi dan tant tajjeb meta tpitter lil Franġisku kobba fil ġuf tal art (ara l-istampa). Bħal tarbija mistrieħa f'ġuf ommha, Franġisku jidher f'tgħannieqa mellisija ma' **"oħtna l-art" li hu kien isejħilha wkoll "ommna ħanina."** Kif jgħid Murray Bodo, "biċċa art kienet iġġiegħlu jifraħ" u kien jagħfasha ma' qalbu **"bl-entużjażmu ta' tifel żgħir meta xi ħadd għall-għarrieda jagħtih xi ġugarell."** Xejn inqas lill-imġiddmin! Meta kien ikun fosthom, jaħslilhom ġisimhom li kien ġerħa waħda u jikkuralhom l-aktar ġerħat morda tagħhom, kien jirnexxielu jixħet imħabba enormi fl-iċken ġest u azzjoni. Jekk qed idewwik, int l-aktar persuna importanti għalih! Kien iħares lejhom, u jitbissimilhom. Fis-skiet tal-ħarsa fissa, Franġisku kien jistagħġeb għall-aħħar bis-sbuħija li ssaħħrek li kien jilmaħ f'għajnejn l-imġiddmin. Għajnejhom kienu jpetptu lura b'mod li jġiegħluh jifhem li kien irċieva aktar milli kien ta.

X'kien is-sigriet ta' Franġisku? Ir-raġuni hi sempliċi: il-Fqajjar t'Assisi kien sar realista konvint mill-verità li xejn daqs Alla ma hu importanti fil-ħajja u li kull ħaġa kellha importanza biss fiH u għaliH, mhux fiha nnifisha. Franġisku kien ipperswada ruħu li Alla kien l-uniku sigurtà ta' ħajtu. Fehem sewwa li kull darba li pprova jpoġġi s-sigurtà tiegħu f'xi ħaġa inqas minn Alla (xogħol, flus, unuri, suċċess, poter, eċċ.), kien qed jgħix illużjoni; kien qed jibni ħajtu fuq ir-ramel. Maħlul minn kull irbit u ankrat biss f'Alla, Franġisku għex ħieles mill-biżà, mill-ansjetà u mit-tensjoni li jiġu mill fatt li ma nkunux irridu nitilfu dak li nkunu rbatna qalbna miegħu. Ma kellux iktar x'jitlef. Ma kellux x'jirbaħ. Ma kien jistenna xejn, u għalhekk kien iħossu mimli gratitudni għal kull ħaġa li kienet tiġrilu u li kien jiltaqa' magħha, anki jekk ċkejkna. Xejn ma kien jinkwieta minħabba lbieraħ, illum jew il-għada għax kien kapaċi jiggosta u jtiehem kull mument u kull ħaġa f'Alla. X'ġenna fuq l-art! Jalla noqorbu lejha aħna wkoll. •

# FRA BASKAL CARUANA OFMCAP

## 50 Anniversarju mill-Professjoni Perpetwa



Fra Baskal Caruana iben Vincent u Victoria mwieled il-Mellieħa f'Jannar 1940, beda n-novizzjat fl-Ordni Franġiskan Kapuċċin f'Ottubru 1956. Sena wara għamel il-Wegħdiet tempanji u għamel il-Professjoni Perpetwa fit-30 t'Ottubru 1960 flimkien ma' Patri Valent Calleja. Il-ħidma fejjieda b'risq l-Aħwa Franġiskani Kapuċċini u l-kunventi li fihom Fra Baskal għex il-vokazzjoni tiegħu: Floriana, Marsa (Trinità), Xemxija u Għawdex (għal dawn l-aħħar sitt snin) hija xhieda tal-ħajja reliġjuża tiegħu.

**1 "Il-għan tat-tliet kunsilli evanġeliċi, li wieħed iwiegħed li jħares fil-wegħda tal-professjoni hu li, b'qalb meħlusa bil-grazzja, nistgħu ngħaqqdu lilna nfusna ma' Kristu f'ħajja ta' kastità, faqar u ubbidjenza għall-imħabba tas-Saltna ta' Alla, fuq il-passi ta' San Franġisk.**

**2 Il-Kunsill Evanġeliku tal-kastità minħabba s-Saltna tas-smewwiet, li huwa għelm tal-ħajja li ġejja u nixxiegħa ta' aktar ġid kotran f'qalb sħiħa, iġib miegħu l-obbligu ta' kontinenza perfetta tul ħajja ta' ċelibat.**

Mons. Mario Grech, Isqof t'Għawdex jirċievi t-Tiġdid tal-Wegħdiet reliġjużi ta' Fra Baskal Caruana f'ċel
tal-50 Anniversarju bħala Kapuċċin fil-knisja tal-Kapuċċini, Għawdex. Jassistu lill-Mons. Isqof huma l-
Emmanuel Barbara u l-Gwardjan Karmenu





Fra Baskal jirċievi l-paċi mingħand Mons. Isqof Mario Grech.



*Qraba u ħbieb ta' Fra Baskal fil-knisja tal-Madonna tal-Grazzji tal-kunvent tal-Kapuċċini, Għawdex.*

3 **Il-Kunsill Evanġeliku tal-faqar li bih inkunu nixbħu lil Kristu, li għalkemm kien għani sar fqir minbarra ħajja ta' faqar fl-ispirtu u tassew, jinvolvi dipendenza mis-Surerjuri u ċaħda mid-dritt kif tuża u tiddisponi mill-ġid, u għalhekk qabel l-aħħar Professjoni, irridu nċedu minn rajna d-dritt li niksbu jew li jkollna xi ħaġa tagħna; safejn huwa possibbli din ir-rinunzja għandha ssir b'mod li tkun ukoll valida fil-liġi ċivili.**

4 **Il-Kunsill Evanġeliku tal-Ubbidjenza, imwiegħed fi spirtu ta' fidi u ta' mħabba biex nistgħu wara Kristu, li kien ubbidjenti sal-mewt, jorbotna, li nissottomettu r-rieda tagħna għas-Superjuri leġittimi għall-imħabba ta' Alla, f'kull ħaġa li ma tmurx kontra l-kuxjenza tagħna jew ir-Regula, meta dawn jagħtu ordnijiet li jaqblu mal-Kostituzzjonijiet tagħna"** (Kost. Kapuċċini 21:1 4).

Il-Ħadd 7 ta' Novembru 2010, Fra Baskal Caruana ċċelebbra l-Ħamsin Anniversarju tal-Professjoni Perpetwa tiegħu. Din it-tifkira saret fil-knisja Madonna tal-Grazzji, kunvent tal-Kapuċċini f'Għawdex, f'konċelebrazzjoni mmexxija mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Jassistu lill-Mons. Isqof kienu l-Provinċjal Patri Manwel Barbara u Patri Karm Dimech, Gwardjan, flimkien ma' oħrajn fost l-ammiraturi ta' Fra Baskal.

Fl-Omelija tiegħu l-Isqof t'Għawdex fakkarna f'kif aħna kontinwament moħħna biex nippjanaw għall-futur tagħna. Kif dejjem infittxu li noħolqu sigurtajiet għalina u li dawn qatt ma jistgħu joħolqu ċertezza fina. Fakkarna wkoll dwar ir-realtà tal-ħajja wara l-mewt tal-ġisem, u poġġielna mistoqsija dwar kemm verament aħna nemmnu dan. **"Għandna bżonn xi ħadd li jfakkarna, imma min?"** Mons. Grech tana r-risposta li qasamha f'żewġ punti. L-ewwel huwa Ġesù Kristu stess, li qam mill-mewt u mar jippreparalna post. **"Imma Kristu hu ftit imbiegħed,"** kompla, u hawn ippreżenta t-tieni punt li kien ir-reliġjużi, bħal Fra Baskal, bħala tfakkira tal-ħajja wara l-mewt.

Ħafna jaħsbu li r-Reliġjużi huma utli għal dak li jagħmlu. Imma l-verità hi li r-Reliġjuż għandu missjoni li jgħinna naraw lil Kristu, permezz tal-Professjoni (jiġifieri t-tliet Voti: kastità, faqar u ubbidjenza) għax fl-istess voti huwa jixbaħ lil Kristu. Ir-reliġjuż ma jiżżewwiġx b'għażla, biex iħabbar u minflok, l-għotja ta' mħabbtu jagħtiha lil Alla, bħalma fil-ħajja wara l-mewt aħna se nkunu kompletament ta' Alla għal dejjem. Ukoll għalkemm il-ġid ta' din id-dinja m'huwiex ħażin, l-Isqof fakkarna li ma rridux ninsew il-ġid spiritwali u hawn fejn ir-Reliġjuż bil-vot tal-Faqar, ifakkarna fl-eternità fejn Alla biss jimlielna qalbna. Fl-Ubbidjenza mbagħad ifakkarna fir-rieda t'Alla, fejn permezz tal-ubbidjenza lejn is-Superjuri, ir-Reliġjuż ifittex dak li Alla jrid minnu.



(x – l) Jettro Bajada, Emar Pace, Baskal Caruana, Miguel Zammit u Vince Axiaq.

Fl-aħħar Mons. Grech spiċċa billi radd ħajr lil Alla għall-ħamsin sena li Fra Baskal kien sinjal u rringrazzja lil Patrijiet fil-kunvent ta' Għawdex għax-xogħol, imma aktar minn hekk għas-sinjal li huma f'dinja sekularizzata. Mela **"aħsbu biex isserħu raskom fuq is-sod,"** fuq Ġesù li jrid iseħibna miegħu. •

*Fil-kjostru (bitħa) tal-kunvent t'Għawdex waqt riċeviment tal-okkażjoni, Fra Baskal jaqsam il-kejk lejn tmiem iċ-ċelebrazzjoni tal-50 Anniversarju tal-Wegħdiet tiegħu bħala reliġjuż Kapuċċin.*





# IL-BOLOL TA' MALTA (25)

## EWROPA '85




It-tema tal-bolol tal-Ewropa din id-darba kienet il-Mużika u Malta fakkret tnejn mill-ikbar mużiċisti li qatt kellna f'żewġ bolol, b'disinn ta' Luciano Micallef, li ħarġu fil-25 ta' April 1985. Il-bolla tat-8ċ turi lit-tenur Nicolò Baldacchino (1895-1971) li kanta f'ħafna pajjiżi u kien l-ewwel tenur Malti li kanta fuq il-BBC. Il-bolla tat-30ċ turi lill-kompożitur prolifiku Francesco Azopardi (1748-1809) li studja taħt Dun Mikielanġ Vella u ġie maħtur Maestro di Cappella tal-Kattidral tal-Imdina.

## 7 TA' ĠUNJU 1919




Din kienet data li baqgħet dejjem titfakkar meta s-suldati Ingliżi sparaw fuq il-folla ta' Maltin fit-toroq tal-Belt Valletta waqt dimostrazzjoni wara li ġew ipprovokati. B'kollox mietu erba' minn nies, Ġużeppi Bajada u Manwel Attard li jidhru fuq il-bolla ta-3ċ, u Karmnu Abela u Wenzu Dyer li jidhru fuq il-bolla tas-7ċ. It-tielet bolla tat-35ċ turi l-monument għal dawn l-erba' vittmi li nħadem mill-iskultur Anton Agius. Il-bolol ħarġu fis-7 ta' Ġunju 1985 fuq disinn ta' Luciano Micallef.

## 40 SENA TAL-ĠNUS MAGĦQUDA




Il-Ġnus Magħquda twaqqfet wara l-aħħar gwerra dinjija biex ma nerġgħux ngħaddu mit-tbatijiet li għaddejna minnhom fil-gwerra. L-għanijiet tagħha jinkludu paċi u sigurtà internazzjonali, promozzjoni tad-drittijiet umani u kooperazzjoni fis-soluzzjoni ta' problemi mingħajr l-użu tal-armi u t-theddid. Malta ngħaqdet mal-Ġnus Magħquda fl-1964 bħala l-114-il membru. Għal din l-okkażjoni fis-26 ta' Lulju 1985 il-posta ħarġet sett ta' tliet bolol, tal-4ċ, tal-11ċ u tal-31ċ, fuq disinni ta' Donald Friggieri.

## PERSONALITAJIET MALTIN




Fit-3 ta' Ottubru 1985 il-posta ħarġet żewġ bolol fuq disinni ta' Raymond Pitrè biex tfakkar żewġ personalitajiet li taw kontribut siewi għall-ġid tal-pajjiż. Il-bolla ta' 8ċ turi lil Giorgio Mitrovich (1794-1885) li kien l-ewwel Malti li qabeż għad-drittijiet tal-Maltin u rnexxielu jinfluwenza l-opinjoni pubblika fl-Ingilterra favur it-twaqqif ta' rappreżentazzjoni kostituzzjonali. Il-bolla tat-12ċ turi lill-imħallef u poeta Pietru Caxaru (circa1438-1485) li kiteb il-famuża poeżija Cantilena, l-iktar xogħol letterarju bil-Malti antik li nafu bih s'issa. •

***Jekk trid tirċievi 50 bolla differenti ta' Malta jew 100 bolla differenti ta' barra minn Malta, ibgħat 8 bolol ġodda tad-€0.19 fl-indirizz ta' hawn taħt.***

## KOMPETIZZJONI BOLOL TA' MALTA

### Kemm-il Malti huwa mfakkar f'dawn il-bolol?

Il-premjijiet se jingħataw ġentilment mill-MaltaPost p.l.c. It-tweġibiet għandhom jintbagħtu lili f'dan l-indirizz: Kompetizzjoni **Bolol ta' Malta, 11, Triq il-Gladjoli, San Ġwann SGN 1370.**

**Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni ta' Diċembru huma:**

1. **Peter Paul Portelli, 263, Triq San Tumas, Ħal Tarxien**
2. **Doris Cini, 122, Triq Zerafa, Marsa**
3. **Joe Galea, 245, Triq Zerafa, Marsa**



# L-INFERN REALTÀ JEW FANTASIJA?

Huma ħafna d-diskussjonijiet li matul iż-żmien saru dwar l-eżistenza tal-infern. Iżda llum, forsi aktar minn qatt qabel, l-infern sar materja ta' diskussjoni jew saħansitra ta' żufjett! Hemm uħud li jiddefendu lilhom infushom u jżommu biss il-ħarsa tagħhom lejn il-ħniena nfinita t'Alla. Huma jgħidu li għax Alla hu ħanin u għax il-ħniena t'Alla hija nfinità, ma jistax jeżisti l-infern jew jekk jeżisti ma hemm ħadd fih. Dawn it-talin jinsabu f'riskju li jabbużaw mit-tjubija t'Alla u b'hekk jinjoraw ir-rivelazzjoni u l-verità li taslilna permezz tal-Iskrittura.

Fuq realtà daqshekk serja ma nistgħux inħallu lilna nfusna niġu mmexxija biss mill-emozzjonijiet tagħna jew mill-opinjoni ta' ħaddieħor. Hija l-Kelma t'Alla r-riferiment ċert u vera tagħna. Għalkemm hija twasslilna l-eżistenza tal-infern b'mod ċar, il-moħħ tagħna spiss jirrifjuta li jaċċetta din il-verità terribbli. Alla minħabba t-tjubija nfinita li għandu lejna bħala wliedu, irid iġibna konxji minn din ir-realtà biex jipproteġina mill-periklu li aħna, b'deċiżjoni libera tagħna, norjentaw ħajjitna lejn din il-kundizzjoni eterna ta' tbatija u ta' telfien.

l-Iskrittura tgħidilna li l-infern jeżisti u fih ma hemmx biss xjaten, imma anki persuni umani li ġew kundannati. Fl-Iskrittura, mhux l-ewwel darba li Alla jitkellem ċar fuq din ir-realtà:

- **'Wara mewthom, bla gieħ ikun ġisimhom, għax hu jwaddabhom rashom 'l isfel. U t-tifkira tagħhom titħassar'** (Għerf 4:19).
- **'Il-mannara ġa tressqet ma' għerq is-siġra; u għalhekk kull siġra li ma tagħmilx frott tajjeb, titqaċċa u tinxteħet fin-nar'** (Mt 3:10).
- **'Il-midra qegħda f'idu biex iderri l-qiegħa tiegħu u jiġbor il-qamħ fil-maħżen, imma t-tiben jaħarqu b'nar li ma jintefiex'** (Mt 3:12).
- **'Jekk wieħed ma jibqax fija, jintrema barra bħal fergħa u jinxef; imbagħad frigħi bħal dawn jiġbruhom u jixħtuhom fin-nar u jinħarqu'** (Ġw 15:6).



- **'Jekk għajnek hi għalik okkażjoni ta' dnub, aqlagħha barra u armiha 'l bogħod minnek, għax aktar ikun jaqbillek jekk tintiliflek biċċa waħda minn ġismek milli ġismek kollu jinxteħet fl-infern'** (Mt 5:29).
- **'Ja sriep u nisel il-lifgħat, kif se taħarbu mill-kundanna tal-infern?'** (Mt 23:3).
- **'U tibżgħux minn dawk li joqtlu l-ġisem bla ma jistgħu joqtlu r-ruħ; imma aktar ibżgħu minn dak li jista' jeqred kemm ir-ruħ u kemm il-ġisem fl-infern'** (Mt 10:28).
- **'Hekk jiġri fi tmiem id-dinja: l-anġli joħorġu jifirdu l-ħżiena mill-ġusti, u jixħtuhom fil-huġġieġa tan-nar. Hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien'** (Mt 13:49).
- 'Imbagħad jgħid ukoll lil dawk ta' fuq ix-xellug: 'Morru min quddiemi, misħutin, fin-nar ta' dejjem li tħejja għax-xitan u għal l-anġli sħabu' (Mt 25:41).
- **'U d-duħħan tat-tbatija tagħhom jibqa' għal dejjem ta' dejjem. U ma jkollhomx mistrieħ, la bil-lejl u l-anqas bi nhar, dawk li jinxteħtu jqimu l-Bhima u x-xbieha tagħha'** (Apok 14:11).
- **'Imma għall-ġwejjef, għal min ma baqax fidil, għal dawk ta' ħajja mjassra, għall-qattiela, żienja, għas-saħħara, għall-idolatri u għall-giddieba kollha, sehemhom ikun fil-belliegħa tan-nar iħeġġeġ u tal-kubrit; din hi t-tieni mewt'** (Apok 21:8).
- **'Hekk ukoll min ma nstabx imniżżel fil-ktieb tal-ħajja, kien mixħut fil-belliegħa tan-nar'** (Apok 20:5). •

# SILTA MILL-KTIEB 'FJURI LI MA JINXFUX'
## TIFKIRIET TAS-SNIN ĦAMSIN (2)



Ftit jiem wara n-nannu qaleb għall-agħar. Kont ili nsibu fis-sodda, iżda sa ftit qabel kien għad fadallu s-saħħa jqum bil-qiegħda u jgħid kelmtejn. Fl-aħħar żmien kien ikun mimdud u bil-kemm jinstema' jieħu n-nifs.

Dakinhar morna fl-appartament tan-nannu minn kmieni filgħodu. Jien ma mortx skola u missieri ma marx għax-xogħol. Malli dħalna fil-kamra tiegħu missieri ressaqni lejh u mbagħad qalli biex noħroġ u mmur in-naħa l-oħra tal-appartament.




**"In-nannu m'hux għal magħna, ruħi,"** qaltli z-Zija Ġuża waqt li ġabitli siġġu u poġġietni mal-mejda. Tatni lapes u karta u gomma u riga mill-kexxun tal-kamra tagħha li darba, meta ħallietni nqalleb fih, kont ħassejtni quddiem teżor mimli kurżitajiet: kotba qodma bil-Malti, kurunelli, ritratti tal-familja, kuruni tar-Rużarju. Il-kxaxen tax-xjuħ huma tassew gżejjer ta' teżori. U aktar ma jkunu teżori sempliċi, aktar juru t-tjieba tagħhom.

Intasabt mal-mejda, serraħt rasi fuq minkbi tal-lemin u waqaft inħares lejn il-karta vojta. Ma kontx naf x'naqbad nikteb, u għalhekk iz-zija ma damitx ma ġabitli ktieb mill-kexxun. Iżda lanqas il-ktieb ma kien biżżejjed għalija. Ħsiebi kien biss fil-kamra l-oħra, lilhinn mill-kuritur qasir, fejn ma kontx naf x'qiegħed jiġri, anki jekk kont ċert li kienet ġurnata differenti minn kull ġurnata oħra. Naf li l-kamra kienet mimlija biz-zijiet kollha, u ħsibt jew stajt nobsor li kienu qegħdin iħarsu lejn in-nannu u jistennewh jorqod. Magħhom, bilqiegħda ħdejn is-sodda tan-nannu u qrib ħafna ta' wiċċu, kien hemm qassis liebes l-ispellizza u stola vjola fuq is-suttana sewda. Qassis kien dejjem jilbes suttana sewda, f'kull okkażjoni, ġewwa u barra.

Iz-zija baqgħet ġejja u sejra minn ħdejn in-nannu għal fejn kont jien.

**"Issa x'se jiġrilu n-nannu, zi?"** staqsejtha malli ġiet lura. **"In-nannu qiegħed imut, ruħi,"** weġbitni.

**"X'jiġifieri jmut, zi?"**

**"Jiġifieri jmur għand il-Bambin, fis-sema."**

**"Jiġifieri ma jibqax magħna?"**

**"Le, ruħi."**

**"Iżda jien xorta nibqa' nagħtik il-ħelu, tibżax,"** qaltli, u leħenha kien miksur u kienet waslet biex tinfaqa' tibki.

**"Għaliex se jmut in-nannu, zi?"**

**"Għaliex issa xjaħ, ruħi."**

**"Ix-xjuħ biss imutu, mela, zi?"** **"Le, ruħi, mhux ix-xjuħ biss."** **"Anki jien, mela, zi."** **"Eħ, ruħi..."** tniehdet iz-zija, u għannqitni magħha u reġgħet marret ħdejn in-nannu.

## L-AGUNIJA U L-MEWT FIL-KAMRA L-OĦRA

Ftit wara bdejt nisma' z-zijiet jitolbu, leħen wieħed. Bdew itennu l-Missierna, is-Sliema u l-Glorja għal ħafna drabi mingħajr waqfien. Leħenhom kien miksur u naħseb li xi wħud minnhom kienu qegħdin jibku. Neħħejt il-lapes minn idejja u l-ktieb minn quddiemi u raddejt is-Salib u bdejt ngħid magħhom.

Ħin bla waqt it-talb waqaf u waqgħet ħemda sħiħa. Instema' xi ħadd jitlob, u stajt nobsor li kien il-qassis. Baqa' jitlob għal ftit u mbagħad smajt ħafna għajjat u twerżiq u biki. Qatt ma kont naf li z-zijiet jibku wkoll. Meta ġiet iz-zija ħdejja u qaltli biex nidħol nara n-nannu mejjet, in-nannu kellu għajnejh magħluqin, u t-toqob tal-imnieħer kienu misdudin bit-tajjar. Issa n-nannu ma kellux mustaċċi, u rasu kienet marbuta b'maktur abjad, marsus man-naħiet ta' widnejh, b'għoqda fuq xagħru. Madwaru, fuq kull ġenb tas-sodda, kien hemm żewġ gandlieri bix-xemgħat jixegħlu.

**"Għaliex rabtulu rasu?"** staqsejt bejni u bejn ruħi. **"Issa ma jistax jitkellem aktar."**

It-tliet zijiet nisa - Ġuża, Ċensina, Melita - kellhom maktur f'idejhom u minn waqt għal ieħor kienu jtellgħuh ma' wiċċhom u jimsħu d-dmugħ. Iz-zijiet irġiel kienu mnikktin ukoll, iżda issa ma kinux għadhom qegħdin jibku.

Missieri qabadli idi u għamilli sinjal biex immorru, iżda hu nduna li jien ma xtaqtx li nitilqu. **"Tixtieq tibqa' man-nannu?"** qalli b'leħen miksur. **"Hu jaf li aħna qegħdin hawn, pà?"**

Missieri ma kellux aptit iweġibni u għamilli sinjal ta' iva b'rasu. "**Pà, mill-ġenna qiegħed jarana?" "Iva,"** qalli bil-ħatfa, **"imma issa se mmorru. Illejla rrid nerġa' niġi biex ngħaddi l-lejl hawn, maz-zija. Irridu norqdu miegħu."**

**"Imma hu jkun jaf, pà?"**

Ġibidni minn idi, sellem lil ħutu b'għajnejh u t-tnejn ħriġna 'l barra mill-kamra. **"Nista' niġi miegħek illejla?"**

**"Illejla le, imma għada iva, għada ejja miegħi għall-funeral."**

L-għada, meta rajt lil missieri jilbes libsa sewda u jxidd ingravata sewda, tlabt lil ommi tlibbisni bħalu. **"Kmieni trid tilbes l-iswed, ibni,"** qaltli, biex turi li ma ħaditx pjaċir.

**"Tilħaq tilbsu l-iswed, jekk Alla jrid."**

**"Ma, iz-Zija Ġuża qaltli lbieraħ li kulħadd irid imut, mhux ix-xjuħ biss."**

**"Iva, ibni, sewwa qaltlek."**

**"Allura jiena wkoll nista' mmut?"**

**"Le, inti le, ibni."**

**"Għaliex jien le?"**

**"Għaliex inti tifel tajjeb."**

**"Mela t-tfal ħżiena biss imutu, ma'?"**

**"Le, mhux it-tfal ħżiena biss."**

**"Mela, allura..."**

**"Issa ħallik mill-kliem, ibni, għax se jsir il-ħin u missierek diġà lest,"** qaltli, u ndunajt li riedet taqleb id-diskors. Ġie li kienet tagħmilli hekk meta kont nagħmlilha ħafna mistoqsijiet wara xulxin. Kont negħjiha, forsi kont indejjaqha, iżda b'hekk stajt nara kemm kellha qalbha ħanina.

**"Immorru,"** qal missieri x'ħin daħal ħdejna u mar quddiem il-mera biex jiddritta l-ingravata. Hekk baqa' sal-aħħar, fitt fuq l-għenuq u l-ingravati.

Xtaqt nistaqsih bosta ħwejjeġ, iżda bżajt li ndejqu jew li jgħajjat miegħi. Forsi ma kienx il-waqt, għalkemm f'dawn il-jumejn rajt ħwejjeġ li qatt ma kont rajt bħalhom qabel.

**"Issa x'se tagħmlu, pà? In-nannu x'se tagħmlu bih? Se tħalluh fis-sodda?"**

Missieri fissirli kollox, il-ġarr tat-tebut, il-quddiesa fil-knisja, il-vjaġġ saċ-ċimiterju, id-difna, u jien smajtu b'attenzjoni kbira bla ma waqqaftu, u sagħġibt għaliex dawn kienu ħwejjeġ ġodda għalija. Stħajjilt li kbirt, u sirt raġel, u li missieri miet, u li kelli lit-tifel tiegħi miegħi, u li ħadtu jara lil missieri mejjet, u mbagħad ħadtu għall-quddiesa, u mbagħad ħadtu għad-difna, u mbagħad, ma kontx naf x'kien hemm imbagħad.

Quddiem l-appartament tan-nannu kien hemm ħafna karozzi suwed u ġemgħa ta' nies iħarsu u jitkellmu b'leħen baxx. Il-ġirien kollha ħarġu, min fuq ħoġor it-tieqa u min fuq l-għatba tal-bieb. Fin-nofs tat-triq kien hemm karru iswed ukoll, bi xfar u b'disinji tad-deheb, b'żewġ żwiemel imżejnin biċ-ċfuf ma' rashom.

Tlajna fuq u kif dħalna fl-appartament missieri qalli biex minn issa 'l quddiem noqgħod maz-Zija Ġuża. Wissieni biex inżommilha idha l-ħin kollu.

**"Fil-Knisja wkoll?"**

**"Le, fil-knisja le. Mill-bqija titilqilha qatt idha."** Missieri kien jibża' li nintilef.•

# TIFKIRA TA' PATRI WILLIAM AXIAQ OFMCap 1942 – 2010 (2)



Tibqa' magħrufa l-prietka tiegħu fil-festa ta' San Pawl fis-Sena 2000, li saret fil-knisja Kolleġġjata ta' San Pawl fil-belt Valletta, quddiem l-ogħla awtoritajiet ekkleżjastiċi u ċivili. Dakinhar, Ħuna William ifformula bħal Ittra twila mmaġinarja li San Pawl seta' kiteb lil Maltin fiż-żminijiet li fihom qegħdn ngħixu. Ftit jiem wara huwa jikteb fuq din l-esperjenza u jgħid: **"L-Omelija kienet frott ta' preparazzjoni remota u prossima, ta' riflessjoni fuq ċirkustanzi attwali tal-gżejjer Maltin fid-dawl tal-kelma ta' San Pawlu u ta' ħerqa pastorali għall-ġid spiritwali ta' pajjiżna, li għaddej minn mewġa ta' sekulariżmu."**

L-istaġun tal-predikazzjoni għal P. William kien iż-żmien tar-Randan. Għal dawk li għexu ma' Ħuna William kienu jafu kemm ir-Randan kien żmien li jimpenjah, xi ħaġa li ġiet apprezzata ferm, imqar wara mewtu f'dan il-kumment li nkiteb: **"Fi żmien ir-Randan kien ikollu ħeġġa kbira biex jagħmel l-eżerċizzi spiritwali fid-diversi parroċċi f'Malta u anki f'Għawdex. B'liema entużjażmu kien jidħol għalihom! Ħaġa importanti kienet il-mod kif kien jipprietka. Kien jgħid il-verità bla kantunieri, iżda bi prudenza kbira."**




*Patri William fi tmiem tal-quddiesa solenni flimkien ma' wħud mill-istudenti tal-letteratura u l-filosofija fis-sagristija tal-knisja tal-kunvent tal-Kapuċċini, il-Kalkara.*

Ħuna William kien ukoll ta' għajnuna kbira għal bosta familji, saċerdoti u reliġjużi. Huwa kien jgħaddi sigħat sħaħ fil-parlatorju jqarar u jagħti l-pariri tiegħu.

Fl-1983 sal-1991 huwa kien Chaplain Nazzjonali tal-GRUFAN li hija fergħa tal-familji nsara fi ħdan il-Moviment ta' Kana. Din il-ħidma kienet ferm għal qalb dan Ħuna li flimkien mal-kumitat ċentrali kienu jiltaqgħu b'mod regulari sabiex jiddiskutu l-policy u jħejji programmi u laqgħat regolari għall-koppji mexxejja, b'enfasi fuq leadership u group dynamics. Minbarra hekk huwa nħatar ukoll konsulent mis-Segretarjat għall-Affarijiet tal-Familja mill-Gvern ta' Malta, filwaqt li fl-1991, Mons. Arċisqof ħatar lil Ħuna William bħala membru tal-Kummissjoni Djoċesana Familja.

Sadanitant, Ħuna William ħass li għandu jwessa' din il-ħidma tiegħu billi jibda jgħallem f'diversi entitajiet. Fil-fatt huwa kien għalliem tar-Reliġjon fl-Iskejjel Sekondarji u Counsellor f'De La Salle College. Daħal jgħallem il-Psikoloġija fl-INSERM, l-Istutut li dak iż-żmien kien iħejji lill-istudenti Reliġjużi għas-Saċerdozju. Għallem wkoll fil-Fakultà tat-Teoloġija, dak iż-żmien f'Tal-Virtù, ir-Rabat, u fis-Seminarju Maġġuri ġewwa Għawdex. Mexxa wkoll diversi korsijiet ta' AZAD fejn ta bosta taħditiet lill-ġenituri. Minbarra hekk għal bosta snin hu kien parti mill-Bord Editorjali tar-Rivista Pastor li fiha huwa kiteb bosta artikli. Huwa kien ukoll Editur tar-Rivista tagħna l-Kapuċċini, Dawl Franġiskan u kontributur regolari għal tul ta' żmien f'ammont ta' paġni liema servizz baqa' jagħmlu sakemm saħħtu ppermettitlu.

Ħuna William wettaq bosta ministeri oħra fil-Provinċja u f'isem il-Provinċja bħala wieħed mid-Definituri Provinċjali kif ukoll Vigarju Provinċjali. Huwa rrappreżenta wkoll lill-Provinċja tal-Kapuċċini Maltin fil-Kunsill Presbiterali għal bosta snin.

Fl-1991 huwa nħatar it-tielet Kappillan tal-parroċċa ddedikata lil Sidtna Marija ta' Lourdes. Kien hemmhekk li huwa ċċelebra l-25 Sena bħala Saċerdot. F'rabta ma' din il-ħidma tiegħu bħala Kappillan, huwa kien ukoll membru tal-Kunsill tal-Kulleġġ tal-Kappillani. Il-ħidma tiegħu bħala Kappillan damet kważi ħames snin, meta fl-1995 huwa mar fil-fraternità tal-Kalkara fejn kompla bil-ħidma ta' evanġelizzazzjoni. Wara l-Kapitlu Provinċjali tal-2004 ntgħażel Gwardjan tal-fraternità ta' Għajn Dwieli, u kkonfermat fl-istess ministeru



*Patri William Axiaq f'Mt St Joseph, il-Mosta, fi tmiem is-sena 1988, f'laqgħa ta' "Marriage Encounter" lil sitt koppji impenjati.*

fl-2007. Minħabba xogħlijiet li kienu qegħdin isiru f'dan il-kunvent, huwa mar għal xi żmien fil-fraternità tal-Kalkara.

Sadanitant, b'Digriet tal-Arċisqof ta' Malta Mons. Ġużeppi Mercieca, mogħti fis-26 ta' Jannar 2001, P. William ġie maħtur Delegat tal-Arċisqof tat-Taqsima **"Membri ta' Istituti ta' Ħajja Konsagrata"**, fi ħdan is-Segretarjat għall-Kleru u Membri ta' Istituti ta' Ħajja Konsagrata. Huwa serva f'dan l-uffiċju sal-2006.

Matul din l-aħħar sena, saħħet Huna William marret lura. Fit-8 ta' Mejju 2009 ddaħħal l-isptar Mater Dei biex jiġi operat. Fl-aħħar jiem hu kien tassew batut fis-sodda. Bosta kienu dawk li marru jżuruh. Kienu jiem li fihom Huna William issa seta' jgħix tassew dak li ftit snin qabel kien kiteb f'żewġ kotba li huwa ppubblika bit-tema tat-tbatija fil-mard. Kull min mar jara lil dan Huna marid seta' tassew jirrepeti għalih it-titlu ta' wieħed minn dawn il-kotba: **"Meta l-mard jieħu saħħtu"**!

B'risq tiegħu Huna William kien trasferit fid-Dar tal-Kleru, f'B'Kara nhar l-4 ta' Mejju u kien hemm li daħal fil-ħajja ta' dejjem, nhar is-Sibt, 8 ta' Mejju 2010, għall-ħatba ta' 5:25 pm., fl-età ta' 67 sena, imdawwar minn bosta Aħwa tal-Provinċja, mid-Direttur tad-Dar tal-Kleru u mis-Sorijiet Qaddejja taċ-Ċenaklu. Huwa miet fis-sena ddedikata lis-Saċerdoti, eżattament sena wara li kien ġie operat.

Il-funeral tiegħu sar it-Tnejn, 10 ta' Mejju 2010, fil-knisja ta' Għajn Dwieli. Dakinhar inzerta kien l-ewwel jum tal-Kapitlu Provinċjali. Għalhekk il-quddiesa tal-funeral serviet bħala l-quddiesa tal-ftuħ tal-istess Kapitlu. Fil-fatt, il-quddiesa ġiet immexxija mill-Ministru Ġeneral tal-Ordni, P. Mauro Jöhri akkumpanjat mid-Definitur Ġenerali, P. Peter Rodgers. Magħhom kien hemm ukoll il-Viċi-Provinċjal tal-Kenja, P. George Mutahaka li kienu għadhom kemm waslu Malta għall-Kapitlu. Bosta Aħwa tal-Provinċja kkonċelebraw flimkien ma' bosta saċerdoti oħra Djocesani u Reliġjużi li kellhom stima kbira ta' dan Huna. Jassistu kien hemm ukoll l-Isqof Emeritus, Mons. Ġużeppi Mercieca, u l-Vigarju Ġenerali, Mons. Annetto Depasquale.

Il-knisja ta' Għajn Dwieli kienet mimlija daqs bajda u fost il-personaġġi distinti preżenti kien hemm il-Prim Minsitru ta' Malta, l-Onor. Dr Lawrence Gonzi flimkien mas-Sinjura tiegħu, li kienu ħbieb personali ta' Patri William. L-omelija tal-okkażjoni għamilha Huna Joe Alessandro li kien qed itemm il-ministeru tiegħu bħala Ministru Provinċjal, b'Huna

William fost wieħed mid-Definituri Provinċjali. Matul l-omelija tal-okkażjoni, Ħuna Joe Alessnadro rrefera għaż-żmien tal-eżamijiet u qal: **"L-eżamijiet inisslu fina ċertu biża' u tensjoni, għax ma nkunux nafu x'se jkun hemm fil-karta tal-eżami. Li kieku l-mistoqsijiet inkunu nafuhom minn qabel, il-ħaġa kienet tkun ħafna differenti. Il-mewt hija bħal eżami, iżda b'differenza. Aħna nafu x'se jistaqsina l-Mulej meta nidhru quddiemu. Il-problema mhijiex tant il-mistoqsijiet li jagħmlilna, iżda t-tweġiba/ ijiet li nagħtu mhux tant dak il-ħin iżda matul ħajjitna."**

Id-difna ta' Ħuna William Axiaq saret fl-oqbra tal-Aħwa Kapuċċini Maltin fiċ-ċimiterju ta' Marija Addolorata f'Raħal Ġdid.

**"Ma jistax ikollok fomm ta' appostlu, jekk ma jkollokx widna ta' dixxiplu,"** spiss kien jgħid Patri William Axiaq. Mhemmx dubju li Patri William kellu fomm ta' appostlu; jixhdu dan il-parroċċi kollha ta' Malta li fihom xi darba jew oħra pprietka; jixhduh il-komunitajiet ta' sorijiet u saċerdoti li lilhom ipprietka fl-irtiri. Għalhekk, jekk Patri William kellu fomm ta' appostlu, bilfors li kellu widna ta' dixxiplu. Kien hu stess jipprova jgħix l-Evanġelju u l-ħajja reliġjuża fit-tifsira sħiħa tagħha u minn hemm kien iġib il-qawwa għall-ħidma appostolika tiegħu li kienet tant mifruxa. •

*Il-Provinċjal Fr Joe Alessandro OFMCap jinsena l-fdal ta' Patri William fi tmiem il-quddiesa tal-funeral fil-knisja ta' Għajn Dwieli.*



Dr Chris Sciberras M.D., M.R.C.P.C.H (UK), M.Sc. Comm.Paed (Warwick), D.C.H (Dublin), Cert. Dev.Paed. (London), Paediatrician and Specialist in community child health

# L-EFFETTI TAT-TELEVIXIN FUQ IS-SAĦĦA TA' WLIEDNA *IMPLIKAZZJONIJIET U RIKOMMANDAZZJONIJIET (I)*



Qegħdin fl-istaġun tax-xitwa fejn it-tfal jinġabru aktar ġewwa u l-ħruġ barra ta' matul is-sajf jonqos sew. Għalhekk nibdew naraw li t-tfal tagħna jibdew iżidu l-ħin fejn jintefgħu bilqiegħda jaraw it-televixin fil-ħin liberu tagħhom.

Skond studji riċenti, it-tfal tagħna qegħdin jaraw medja ta' tliet sigħat televixin kuljum.

- X'inhuma l-benefiċċji jew l-effetti negattivi tat-televixin fuq uliedna?
- X'inhuma l-implikazzjonijiet tat-televixin fuq is-saħħa kemm fiżika kif ukoll mentali u anki spiritwali ta' wliedna, u x'rikomandazzjonijiet għandna għal din is-sitwazzjoni li sibna ruħna f'din is-soċjetà moderna?

## EFFETTI BENEFIĊJALI TAT-TELEVIXIN FUQ ULIEDNA

Bħal kull invenzjoni oħra moderna, it-televixin għandu kemm it-tajjeb kif ukoll il-ħazin tiegħu. Ċerti programmi edukattivi jgħinu ħafna lit-tfal tagħna fl-iżvilupp mentali tagħhom kif ukoll fl-iżvilupp tal-komunikazzjoni jew tal-lingwa. Wieħed jaf anki jitgħallem jew jipprattika lingwa barranija permezz ta' programmi edukattivi. Ċerti programmi televiżivi b'tema soċjali jgħinu wkoll fl-iżvilupp soċjali tat-tfal kif ukoll jgħinu fl-imġiba tagħhom.

## EFFETTI NEGATTIVI TAT-TELEVIXIN FUQ ULIEDNA

**(a) Vjolenza u mġiba agressiva**
Minn riċerka riċenti naraw li aktar minn sittin fil-mija tal-programmi televiżivi għandhom kontenut qawwi ta' vjolenza, speċjalment fil-programmi tat-tfal. 26% minn dawn il-programmi vjolenti, jinvolvu l-użu ta' xkubetti u «revolvers», l-aktar f'każi ta' vidjos tal-musika "rock". Kienu ħafna l-istudji li urew relazzjoni qawwija bejn din l-espożizzjoni għall-vjolenza fuq t-televixin u l-imġiba vjolenti u agressiva ta' dawn it-tfal partikulari. Barra minnhekk, tfal bi problemi emottivi, problemi t'attitudni u oħrajn b'ċerti dżabbilità fs-sistema ta' tagħlim, huma aktar suxxettibbli għall-influenza tal-vjolenza mit-televixin. Id-diversi riċerki li studjaw ir-relazzjoni bejn il-vjolenza ta' fuq it-televixin u l-agressjoni fl-imġiba ta' dawn it-tfal, waslet għal konkluzjoni waħda konsistenti dik ta' assoċjazzjoni ta' attitudni agressiva minn tfal li huma esposti għal atti vjolent fuq it-televixin. Dan l-impatt negattiv fuq l-imġiba ta' dawn it-tfal jista' jkun wieħed immedjat, jew jista' joħroġ aktar 'il quddiem jew snin wara.

**(b) Is-sess u s-sesswalità fuq it-televixin**
Xi ngħidu għall-kontenut għoli ta' sess f'ċerti programmi u riklamar fuq it-televixin. Dik li konna nsejħulha il-"family hour" mit-8 sad-9 ta' filgħaxija fejn il-familja tinġabar u tistrieħ billi tara ftit televixin flimkien, qed ikollha aktar minn tmien inċidenti sesswali fis-siegħa bħal per eżempju kliem ħażin u vulgari. Dawn l-istudji riċenti qed jikkonfermaw li r-rata għolja ta' sess kmieni fiż-żagħżagħ, hija relatata mar-rata għolja ta' televixin li qed jaraw uliedna. Naraw ukoll li dawn l-istudji internazzjonali qed jenfażizzaw l-influenza qawwija u negattiva tat-televixin fuq l-attitudni sesswali, il-valuri u t- twemmin taż-żagħżagħ tagħna.

**(c) Id-dieta u l-obesità**
Madwar dawn l-aħħar tletin sena, ir-rata tal-ħxuna jew obesità fit-tfal u l-adoloxxenti sparat b'mod allarmanti filwaqt li r-rata ta' eżerċizzju naqas drastikament. Diversi studji jippuntaw għat-televixin bħala waħda mill-kawżi prinċipali għall-ħxuna fit-tfal billi:

(a) jitnaqqas l-użu tal-enerġija, (billi wieħed jintefa' bilqiegħda għal sigħat twal quddiem it-trelevixin), kif ukoll

(b) jiżdied l-ikel li jiġi kkonsmat, jew waqt li wieħed jara t-televixin jew bħala riżultat tar-riklamar tal-ikel fuq it-televixin.

Huwa importanti ferm li wieħed jinnota li r-rata az-zokkor fit-tfal u ż-żgħażagħ qiegħda żżid b'mod allarmanti, u dan l-aspett negattiv partikulatri ta' dieta u obesità mill-effetti tat-televixin huwa wieħed mill-kawżi prinċipali ta' din il-problema li diġà qed naraw madwarna u li se zzid b'mod drammatiku fis-snin li ġejjin, jekk wieħed ma jieħux dil-problema bis-serjetà. Bħala Maltin, fejn diġà għandna rata għolja ta' zokkor f'pajjiżna, wieħed għandu jieħu dan il-punt b'serjetà kbira. •

*(ikompli fil-ħarġa li jmiss)*




# ĠRAJJIET IL-PAPA

# MAX U BENEDETTO (4)

minn: **Fulvio Fraticelli, Direttur Xjentifiku tal-Fondazione Bioparco di Roma**

Traduzzjoni għall-Malti: **Emily Barbaro-Sant**



Aħna l-għasafar fhimna tajjeb ħafna l-valur tal-familja u niddefenduhom b'kuraġġ ta' ljun. Trid tarani meta xi ħadd jersaq lejn il-bejta tal-weraq u jibda jbagħbas fejn il-mara tiegħi trabbi liż-żgħar tagħna. Tgħidli xejn, aħjar noqgħod il-bogħod! F'mumenti diffiċli jiġini kuraġġ daqs ta' spanjulett li biex iħares il-familja joħodha kontra l-isqra li jpassu, ħafna akbar minnu.

Wara l-quddiesa, qrib it-tmienja, il-Papa jmur fl-istudju fejn l-ewwel ma jara l-posta u jaqra fuq fuq l-artikli l-aktar interessanti fil-gazzetti. Imbagħad, jikkonċentra fuq il-karti li jġibulu quddiemu ż-żewġ segretarji. Min jaf kemm jaqra kuljum! M'hemmx biex tiskanta għax minn fuq l-iskrivanija tiegħu hemm il-ġrajja tal-Knisja Kattolika ta' kull rokna tad-dinja. F'dawk il-karti hemm problemi li jeħtieġ jiġu solvuti flimkien ma' dokumenti uffiċjali li l-Papa jrid jiffirma. F'dan il-każ jaqbad il-pinna tiegħu u jikteb żgħir żgħir: Benedictus PP XVI.

Mal-karti hemm ukoll id-diskorsi li jkun se jagħmel matul il-ġurnata li jkun lesta fil-jiem ta' qabel. Jerġa jaqrahom għal darba oħra għax jaf li kulħadd ikun qed jisma' b'attenzjoni, kull kelma li jgħid. Jaqra bil-kwiet dak kollu li jkollu quddiemu. Ma jħobbx min jgħaġġlu. Fil-kamra miegħu jkun hemm il-ħbieb l-aktar għeżież tiegħu: ħafna kotba li jikkonsulta kull meta jiġih xi dubju. Għall-ħabta tal-għaxra u nofs iħalli l-iskrivanija għax ikun wasal il-mument tal-udjenzi privati li jikkonsistu fi żjarat uffiċjali li jsiru lill-Papa. Kieku qegħdin nitkellmu fuq l-għasafar, ngħidlek li jiena ltqajt ma' kull tip, mill-iċken għasfur li jżanżan sa nagħma; imma hawn qed nitkellmu fuq bnedmin u allura hu jaf li kuljum jiġu jżuruh nies differenti, b'pożizzjonijiet għolja fis-soċjetà jew każi oħra partikulari li jiġu riferuti lilu.

Benedittu jieħu pjaċir ħafna jilqa' lill-Kardinali u lill-Isqfijiet li jiġu minn kull rokna tad-dinja. Magħhom jitkellem fuq il-ħidma tagħhom, fuq dak li jinkwetahom, jisma' b'attenzjoni dak kollu li għandhom jgħidulu u joffri suġġerimenti. Meta jirċievi xi Kap ta' Stat jitkellem miegħu fuq il-paċi, fuq il-libertà u fuq il-ġustizzja, barra d-dover li jikkumbattu l-faqar. Lil kollha kemm huma jfakkarhom fid-dmir li għandhom li jirrispettaw il-ħajja u n-natura, li huma rigali mill-isbaħ ta' Alla.

Spiss, jiġu jżuruh ukoll persuni importanti ta' reliġjonijiet oħra. L-argumenti prinċipali ta' Benedittu magħhom huma dejjem l-istess: it-tolleranza, li hija kelma kbira li tfisser rispett lejn l-opinjonijiet tal-oħrajn, u biex jaħdmu flimkien b'risq il-popli kollha tad-dinja. Xi drabi, jkollu quddiemu nies li għexu esperjenzi drammatiċi, drabi oħra rappreżentanti ta' assoċjazzjonijiet, sportivi, persunaġġi magħrufa... Għal kulħadd għandu kelma addattata skont iċ-ċirkustanza u tbissima ħelwa. Kważi l-mistednin kollha jġibu rigal lill-Papa. Normalment ikun xi ktieb, inkwatri, midalji, jew xi oġġett reliġjuż.

Xi minn daqqiet, iżda, jiġu b'affarijiet strambi, bħal per eżempju, id-driving wheel ta' karrozza tal-Formula Uno bid-dedika: **"Lill-Qdusija Tiegħu Benedittu XVI, mexxej tal-Kristjaneżmu"** jew xi tractor abjad sabiħ; jew ukoll xi skultura prezzjuża li turi ġemel taħt palma. F'dawn il-każi, huwa jistagħġeb xi ftit, imma jirringrazzja dejjem mill-qalb, għax jifhem li kull rigal jiġi maħsub b'imħabba kbira. •

## IT-TERREMOT TA' JANNAR 1923

# IL-BUST TA' SANT'ORSLA U L-VARA TA' SAN ĠORĠ GĦAND IL-KAPUĊĊINI



F'Jannar 1923, eżatt fil-15 u fis-16 tax-xahar, il-gżira ta' Għawdex theżżet minn numru ta' skossi ta' terremot li naturalment ħolqu paniku u biża' fost il-poplu Għawdxi. (1)

F'din is-sitwazzjoni diffiċli l-Għawdxin irrikorrew għat-talb, u nhar il-Ħadd 21 ta' Jannar saru diversi pellegrinaġġi. (2)



Fir-Rabat ħareġ pellegrinaġġ mill-Katidral iffurmat mill-Kapitlu tal-istess Katidral u mill-Isqof Mons. Giovanni Maria Camilleri O.S.A. bl-istatwa ta' Sant'Orsla, waħda mill-protettriċi tal-gżira. Dan il-pellegrinaġġ baqa' sejjer lejn il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fejn ingħaqdu miegħu l-kleru tal-parroċċa ta' San Gorg u l-popolazzjoni kollha, u flimkien mal-istatwa ta' San Ġorġ, protettur ieħor tal-gżira Għawdxija niżlu lejn il-knisja tal-Madonna tal-Grazzja tal-Kapuċċini, **"li lejha sa minn dejjem irrikorrew l-Għawdxin fit-terremoti u minnhom ġew meħlusa"**. (3)

Kif il-pellegrinaġġ wasal ħdejn il-knisja tal-Kapuċċini, l-Isqof u l-kleru daħlu fil-knisja, filwaqt li l-bust ta' Sant'Orsla u vara ta' San Ġorġ tqiegħdu fuq iz-zuntier, f'nofs in-nies tar-Rabat, miġbura hemm fil-kwiet u fil-ħemda. (4) Il-viċi-parroku Dun Mikiel Anġ Grima mbagħad għamel diskors taċ-ċirkustanza li bih reġa' qanqal lil kulħadd. (5)

Wara l-pellegrinaġġ reġa' lura lejn ir-Rabat bir-reċita tar-rużarju, u baqa' sejjer lejn il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Hemmhekk minnħabba l-folla kbira tan-nies biex tiġi evitata konfużżjoni ż-żewġ pellegrinaġġi nfirdu. Wieħed baqa' dieħel fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ u l-ieħor kompla sejjer lejn il-Katidral. Fiż-żewġ knejjes rispettivi wara li saru diskorsi oħra, tkanta t-**"Te Deum" u ngħatat il-Barka Sagramentali"**. (6)

(1) L-Immakulata Frar 1923 p.33

(2) L-Immakulata Frar 1923 p.33 P. Cauchi, Sant'Ursla V.M.(1926) p. 31

(3) L-Immakulata Frar 1923 p.33

(4) Ibid

(5) L-Immakulata Frar 1923 p.34 P. Cauchi, op. cit p.3

(6) L-Immakulata Frar 1923 p.34



# GĦADDEW IL-FESTI U ERĠAJNA...

Reġat għaddiet sena oħra minn fuqna lkoll u bil-għajnuna t'Alla bdejna sena ġdida, s-sena 2011. Ninsab ċerta li fis-sena li għaddiet bħali hemm min kellu mumenti sbieħ kif ukoll mumenti koroħ, mumenti ta' kuraġġ u mumenti ta' qtiegħ il-qalb. Fi ftit kliem il-ħajja hi magħmula minn tlajja u inżul. Iżda naħseb li l-ħajja ngħixuha skont kif noħduha aħna. Dejjem irridu naraw il-pożittiv tas-sitwazzjoni. It-tazza għandna narawha nofsha mimlija u mhux nofsha vojta.

Għadna kif iċċelebrajna il-ġrajja sabiħa tal-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Il-Milied huwa żmien fejn nfakkru meta Alla sar bniedem bħalna f'kollox minbarra fid-dnub. Irridu niftakru fil-veru spirtu tal-Milied. Dan huwa li ngħixu flimkien bħala familja waħda filwaqt li nifirħu bil-miġja ta' Ġesù. Tajjeb li aħna nżejnu d-dar b'diversi affarijiet, biss m'għandna ninsew qatt li jkollna f'post ċentrali l-presepju u l-bambin. B'hekk niftakru x'ifisser il-veru Milied. Mingħajr dawn inkunu qed naħsbu biss f'affarjiet materjali li fl-aħħar mill-aħħar jispiċċaw.

Fil-bidu tas-sena kulħadd jagħmel xi riżoluzzjoni, iżda sfortunatament mhux dejjem nilħquha. Meta naħsbu f'riżoluzzjoni, ħafna minna jaħsbu fuq affarjiet materjali, iżda ejja inkunu ftit realistiċi u naħsbu f'affarjiet li fl-aħħar mill-aħħar huma l-aktar importanti. Ejja nibdew b'riżoluzzjonijiet żgħar u li faċilment nistgħu nagħmluhom, per eżempju nsibu iktar ħin għal Alla, ngħidu r-rużarju kuljum bħala familja jew li nisimgħu quddies kuljum.

Tajjeb li nħarsu lejn is-sena li għaddiet u nitgħallmu minnha. Naraw x'għamilna tajjeb u nibqgħu nibnu fuqu, filwaqt li dak li ma kienx daqshekk tajjeb, għandna nitgħallmu minnu ħalli għal quddiem ma nerġgħux nirrepetu l-istess żbalji.

Issa li għaddew il-festi u erġajna lura għar-rutina ta' kuljum, tajjeb li nibqgħu ngħixu fil-paċi mal-familja, ħbieb u kollegi.

Jalla kulħadd ikollu sena isbaħ minn dik li għadha kif għaddiet mimlija risq, paċi u saħħa. •

# ĠESÙ KONTINWAMENT JISTIEDEN!



Ix-xahar ta' Frar huwa x-xahar tal-maħbubin; hekk jiġi ċċelebrat **"il-Jum tal-Maħbubin"** fl-14 ta' Frar. Fil-lingwaġġ li jużaw iż-żgħażagħ, meta ġuvni jirranġa ma' tfajla biex jibda joħroġ magħha, jgħidu li daħal f'relazzjoni. Meta ġuvni u tfajla jieħdu grazzja ma' xulxin iż-żgħażagħ jgħidu wkoll "iffansjah" jew "iffansjatu".

Fil-ktieb tal-Ġenesi nsibu li Alla kien iħobb jippassiġġa fil-ġnien ma' Adam u Eva, hekk kif jagħmlu l-maħbubin meta joħorġu flimkien biex isiru jafu u jgawdu lil xulxin. Hekk Alla wkoll kien jitfa' ħarstu fuq nies partikulari li kien jagħżilhom għal missjoni partikulari ħalli flimkien miegħu jwettqu l-pjan tas-salvazzjoni. Hekk għandna fil-Bibbja, fl-Antik Testment, lil Noe, Abraham, Mosè, Ġożwè, Samwel, Sansun, David u ħafna oħrajn, li Alla ħadem fihom, ħabbhom b'imħabba partikulari biex jgħarrfuh, iħobbuh u biex jurihom u jibgħathom ħalli jippreparaw il-poplu ta' Israel għall-miġja tal-Messija tiegħu.

Iżda l-aktar xhieda ta' din il-kapaċità t'Alla li jinnamra nsibuha fil-Ktieb tal-Għanja ta' l-Għanjiet li huwa eloġju f'forma ta' djalogu drammatiku ta'



mħabba bejn żagħżugħ u żagħżugħa fl-aħjar tagħhom. L-imħabba umana diġà nsibuha mfaħħra fir-rakkont ta' Adam u Eva maħluqa xbieha ta' Alla, l-istess imħabba, għajn ta' kull imħabba oħra, għandha messaġġ ta' valur kbir għal żminijietna. Il-profeti raw fiha simbolu tal-imħabba ta' Alla għal Iżrael kif fit-testment il-Ġdid insibuha mqabbla mal-imħabba ta' Kristu għall-Knisja.

Fit-Testment il-ġdid għandna b'mod partikulari mbagħad lil San Ġwann il-Battista, li diġà kien ħabbu u għażlu sa minn ġuf ommu biex ikun dak li juri l-Feddej, il-Ħaruf t'Alla. Imbagħad m'għandnix xi ngħidu ffansja bil-kbir lil Marija li kellha tkun Omm Ibnu, l-imwiegħed Messija.

Fil-ħajja pubblika tiegħu Ġesù kellu ħafna okkażjonijiet fejn tassew ħa grazzja partikulari ma' xi nies u li stedinhom biex jimxu warajh. Fosthom insibu lill-appostli, u d-dixxipli kemm irġiel u kemm nisa, bħal Madalena, anki jekk din kienet mara midinba qabel ma ltaqgħet miegħu.

Meta żagħżugħ jiltaqa' għall-ewwel darba ma' tfajla u jiffansjaha, qabel jitilqgħu lil xulxin, normalment jerġa' jistedinha biex jiltaqgħu darb'oħra. Ma' kull grazzja hemm stedina!

Hekk l-istess jagħmel Alla dejjem jistieden għall-imħabba, biex jibni relazzjoni partikulari ta' miegħu jew magħha. Din l-istedina tista' tiġi milqugħa jew miċħuda. Hekk ġara fil-kas ta' Ġesù meta stieden lil dak iż-żagħżugħ għani! Meta ħares lejh b'ħarsa ta' mħabba, kif insibu fl-Evanġelju skont San Luqa, Ġesù għamillu fiss stedina u qallu: **"mur biegħ kull ma għandek u agħtih lill-foqra, imbagħad ejja u imxi warajja"**. Sfortunatament dak iż-żagħżugħ ma laqgħax l-istedina ta' Ġesù, iżda qarras wiċċu u telaq minn hemm b'qalbu sewda għax kellu bosta ġid, spiċċa jgħid l-Evanġelista Luqa. Hemm xi studjużi li jgħidu li dak iż-żagħżugħ kien l-istess evanġelista San Luqa, li mbagħad reġa' ħasibha sewwa u aċċetta l-istedina tal-Imgħallem u reġa' lura.



Ġesù bħal ħafna maħbubin, il-LE tagħna ma tkunx l-aħħar kelma għalih! Bħalma jiġri fil-ħajja li l-maħbubin jibqgħu jiġru wara xulxin, hekk il-Mulej jibqa' jiġri warajna sakemm fl-aħħar jirnexxielu jikseb l-IVA bil-qalb u libera tagħna, u hekk jibda jinnamra magħna, sakemm fl-aħħar jasal biex jistedinna ħalli nsiru ħaġa waħda miegħu, hekk kif il-maħubin wara żmien ta' namur u għerusija jaslu biex jingħaqdu għal dejjem fiż-żwieġ. •

SEGRETARJAT MISSJONI KAPUĊĊINI

## RIŻULTAT LOTTERIJA MILIED 2010

**L-EWWEL PREMJU**
# 061099: DORIS CASSAR - Victoria Gozo

**IT-TIENI PREMJU**
# 033280: PATRICIA BUGEJA - Sliema

**IT-TIELET PREMJU**
# 053107: DOMINIC FARRUGIA - Mosta

**IR-RABA PREMJU**
# 113729: LINA BORG - L-Iklin





# L-UNITÀ ORIĠINALI TAR-RAĠEL U L-MARA (2)

Fit-teoloġija tiegħu fuq il-ġisem, il-Papa Ġwanni Pawlu II jipprova jispjega x'ifisser il-ġisem bħala s-sinjal u s-sejħa tal-persuna li tkun rigal u kif jikxef in-natura ta' Alla u l-pjan tiegħu għall-umanità. Il-Papa juri l-importanza kbira tal-ġisem fiżiku u tas-sesswalità umana filwaqt li jiġġieled qatta' bla ħabel kontra l-ereżiji li, għax jivvalorizzaw biss dak li hu spiritwali, ma jagħtux l-importanza mistħoqqa lill-ġisem. Għall-kuntrarju jqisuh bla importanza u saħansitra ħażin.

Meta jitħaddet fuq il-ġisem fil-ħolqien u fil-fidwa tiegħu, Ġwanni Pawlu II juri t-tifsira tal-ħajja u kif aħna għandna ngħixuha. Ma jgħidilniex biss min hu l-bniedem, imma kif is-sejħa ta' kull bniedem li jħobb tista' tingħex kemm permezz taż-żwieġ u kif ukoll taċ-ċelibat għas-saltna ta' Alla.

Fil-katekeżi tat-2 t'April 1980, l-Isqof ta' Ruma jgħallem: **"Il-fatt li t-teoloġija tikkunsidra wkoll li l-ġisem, m'għandux jaħsad jew jissorprendi lil xi ħadd li hu konxju tal-misteru u r-realtà tal-Inkarnazzjoni. It-teoloġija hija dik ix-xjenza li s-suġġett tagħha huwa d-divinità. Permezz tal-fatt li l-Kelma ta' Alla saret laħam, il-ġisem daħħal lit-teoloġija mill-bieb prinċipali. L-Inkarnazzjoni u l-fidwa li toħroġ minnha saru wkoll l-għajn definittivi tas-sagramentalità taż-żwieġ".**

Fit-tagħlim li ta' nhar il-21 ta' Lulju 1982, nilmħu approfondiment ta' x'inhu l-ġisem. **"Biex wieħed jifhem dak li l-ħelsien tal-ġisem jimplika skond l-Ittra ta' Pawlu lir-Rumani, jeħtieġ ta' teoloġija awtentika tal-ġisem. Ippruvajna nibnu din it-teoloġija billi l-ewwel nett nirreferu għall-kelmiet ta' Kristu. L-elementi li jagħmlu t-teoloġija tal-ġisem jinstabu f'dak li Kristu jgħid: meta jfakkar 'fil-bidu' rigward il-kwistjoni tal-indissolubbiltà taż-żwieġ (ara Mt 19:8); f'dak li jgħid rigward il-konkupixxenza (ġibda ħażina) meta jirriferi għall-qalb umana fid-Diskors tal-Muntanja (ara Mt 5:28); u kif ukoll f'dak li jgħid f'referenza għall-qawmien mill-imwiet (Mt 22:30). Kull affermazzjoni minn dawn taħżen fiha kontenut antropoloġiku u etiku. Kristu qiegħed ikellem lill-bniedem u qiegħed jitkellem fuq il-bniedem, fuq il-bniedem li hu 'ġisem' u li kien maħluq raġel u mara fuq ix-xbieha u l-immaġini ta' Alla. Qiegħed jitkellem fuq il-bniedem li qalbu hija suġġetta għall-konkupixxenza u finalment fuq bniedem li quddiemu l-viżjoni eskatoloġika tal-qawmien tal-ġisem hija miftuħa".**

Fl-ewwel kapitlu tal-Ġenesi aħna nafu li Adam u Eva ġew maħluqa fuq ix-xbieha u l-immaġini ta' Alla.

Aħna maħluqa fl-immaġini ta' Alla mhux biss permezz tad-don tal-intellett u r-rieda tagħna billi nkunu nafu u nagħżlu, imma wkoll permezz tal-abilità tagħna li nippossedu lilna nfusna u li nagħtu lilna nfusna lil ħaddieħor. Li niffurmaw komunjoni ta' persuni fl-imħabba għax Alla, li hu mħabba, huwa wkoll komunjoni ta' persuni fit-Trinità.

Fil-katekeżi tal-14 ta' Novembru 1979, il-Papa jgħidilna: **"Il-bniedem sar 'l-immaġini u x-xbieha' ta' Alla mhux biss permezz tal-umanità tiegħu, imma wkoll permezz tal-komunjoni tal-persuni li r-raġel u l-mara jiffurmaw mill-bidu... Il-bniedem isir l-immaġini ta' Alla mhux fil-mument tas-solitudni, imma fil-mument tal-komunjoni. Sa 'mill-bidu', mhuwiex biss ix-'xbieha' li fih is-solitudni tal-persuna, li tmexxi d-dinja, hija riflessa, imma wkoll u essenzjalment, xbieha tal-komunjoni divina u misterjuża tal-persuni"**. U fl-14 ta' Mejju 1980, Papa Ġwanni Pawlu II jafferma: **"Il-ġisem uman ħaddan fih innifsu, fil-misteru tal-ħolqien, sinjal ċar tax-xbieha ta' Alla"**.

Il-bniedem jesperjenza s-'solitudni oriġinali' tiegħu b'żewġ modi. Fl-ewwel mod il-bniedem huwa waħdu bħala l-unika ħlejqa razzjonali fuq l-art. Huwa konxju tiegħu nnifsu, ta' ġismu u tat-tifsira tiegħu. Fit-tagħrif tiegħu nnifsu huwa jaf li ġie maħluq minn Alla, u li għalhekk mhuwiex Alla. Jirrealizza li lanqas mhu bħall-annimali. Bit-tagħrif tiegħu nnifsu għandu l-kapaċità li jiddetermina lilu nnifsu għax jista' jagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin. Huwa biss kapaċi **"jaħdem l-art,"** li Alla tah biex jaħkem u jmexxi. It-tieni, il-bniedem huwa waħdu mingħajr il-mara, mingħajr persuna umana oħra. Il-bniedem ma ġiex maħluq biex jgħix waħdu, imma f'komunjoni mal-oħrajn. Dan iħossu b'mod intensiv mingħajr mara.

Fil-katekeżijiet tal-10 u l-24 t'Ottubru 1979 il-Papa jgħid: **"L-ewwel tifsira tas-solitudni oriġinali tal-bniedem hija mfissra fuq il-bażi ta' test speċifiku (li jsemmi l-annimali)... Permezz ta' dan it-test il-bniedem isir konxju tas-superjorità tiegħu, jiġifieri li hu ma jistax jiġi kkunsidrat fuq l-istess livell ta' ħlejjaq oħra li jgħixu fuq l-art ... Is-solitudni wkoll tfisser is-suġġettività tal-bniedem, li hi magħmula permezz tat-tagħrif tiegħu nnifsu. Il-bniedem huwa waħdu l-għaliex hu 'differenti' mid-dinja viżibbli, mid-dinja tal-ħlejjaq... Il-kunċett tas-solitudni oriġinali jinkludi kemm l-għarfien u d-determinazzjoni tiegħu nnifsu"**.

L-unità oriġinali tar-raġel u l-mara qiegħdha li jsibu l-kumplimentarjetà tagħhom f'xulxin u mhux fil-ħlejjaq l-oħra li jieħdu ħsieb. Fir-relazzjonijiet ta' bejniethom huma jiksbu t-tagħrif u d-determinazzjoni tagħhom infushom kemm bħala ndividwi u kif ukoll bħala koppja. U dan għaliex huma maħluqa fuq ix-xbieha u l-immaġini ta' Alla l-ħallieq. •



# ROKNA GĦAT-TFAL

## Aqta' Min

1. Kien imdendel ma' siġra. (Ġoż 8,29)
2. Ġożwe qagħad kif ordna dan. (Ġoż 8,31ss)
3. In nies ta' hawn qarrqu b'Ġożwe. (Ġoż 9,3ss)
4. Dawn sabu lil sidhom mejjet. (Mħ 3,25)
5. Minn dawn mietu mal-għaxart elef. (Mħ 3,29)
6. Qatel sitt mitt raġel b'niggieża. (Mħ 3,31)
7. Kellhom ordni biex iħallu lil Rut tlaqqat. (Rut 2,15)
8. Jagħmel Alla lil Rut bħal dawn. (Rut 4,11)
9. L-ewwel tifel ta' Rut. (Rut 4,17)
10. Anna ukoll kellha tifel. (1 Sam 1,20)
11. Ta' min ser ikun it-tifel. (1 Sam 1,28)
12. Fommi iddieħek bihom. (1 Sam 2,1)

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GĦAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana FRN 1211.**

**Ir-rebbieħa ta' Jannar 2011 hija Sarah Zammit Randich - Sta Venera**

# TISLIBA - 104



1. Nibnuh minn dan. (Esd 9,9) **(5)**
2. Hekk u ż-żiemel. (Mik 1,13) **(6)**
3. Kasfu, Maked u ... (1 Mak 5,36) **(5)**
4. *Tleqqu* bħall-kwiekeb. (Fil 2,15) **(5)**
5. *Tella'* għalih djar. (1 Kron 15,1) **(4)**
6. Mogħtija żżejjed għalih. (1 Tim 3,8) **(5)**
7. Il-knisja ta' hawn. (Apk 2,1) **(5)**
8. M'hijiex maħduma b'dawn. (Lhud 9,11) **(5)**
9. Tahulhom Ġakobb. (Ġw 4,12) **(3)**
10. Alla tagħkom... ngħallimkom. (Dt 6,1) **(7)**
11. u 12. Ieqaf magħhom f'dawn. (3 Ġw 6) **(6)**
13. Isem ix-xmara. (Mk 1,5) **(6)**
14. X'jagħmel il-piż. (2 Kor 8,13) **(5)**
15. ...ma jkun jiflaħ. (Lev 5,11) **(5)**
16. Żnew ma' dawn. (Eżek 6,9) **(5)**
17. Illum hu l-... jum. (Ġdt 12,17) **(5)**
18. Għandu torri. (Ġeer 31,38) **(7)**
19. Tinżel billejl. (Għan 5,2) **(4)**
20. Il-Mulej webbisha. (Sir 16,15) **(3)**
21. Ħatfuha mad-deheb. (Ġoel 4,5) **(5)**
22. ..., għandek u laħmek. (2 Sam 5,1) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' JANNAR 2011:**
***1. Firma; 2. Isalva; 3. Frott; 4. Injam; 5. Halq; 6. Karti; 7. Ilsir; 8. Nwara; 9. Mil; 10. Tlaqqat; 11. u 12. Karmel; 13. Edumin; 14. Qadim; 15. Iftaħ; 16. Elija; 17. Jibnu; 18. Amrafel; 19. Rasi; 20. Uri; 21. Ilsna; 22. Jsinn.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN 1211***

**Ir-rebbieħa ta' Jannar 2011 Carmen Bartolo – Buġibba**



# KUBA TIĊĊELEBRA OSSERVAZZJONIJIET

Wara l-esperjenza tal-ġimgħa soċjali Kattolika bis-suġġett **"XHIEDA TA' TAMA U PROMUTURI TAL-PAĊI"** fejn Inħossni ferm privileġġjat li għaddejt minnha, kienu diversi l-konklużjonijiet u l-osservazzjonijiet li saru. Kien hemm Kummissjoni li ħadet ħsieb tagħmel dokument finali li ġie aċċettat.

Mal-osservazzjonijiet li saru b'mod ġenerali, jiena nixtieq nagħmel dawk tiegħi:

- Il-livell ta' organizzazzjoni matul il-ġimgħa soċjali Kattolika kien tassew eċċellenti f'kull aspett;
- Il-konferenzi kienu ferm ippreparati tajjeb;
- Ilkoll kemm aħna ħriġna minn dan l-avveniment ottimisti; ir-relazzjonijiet bejn il-Knisja u l-Istat Kuban qed jitjiebu u laħqu livell għoli li jidher u jinħass;
- Diġà qed naraw il-frott tad-djalogu li jezisti bejn Knisja u Stat f'Kuba: bis-saħħa tal-medjazzjoni tal-Karidnal Mons. Jaime Ortega Alaminio, il-Gvern Kuban ittrasferixxa 12 il-priġunier politiku minn ħabsijiet ferm 'il bogħod mill-familjari tagħhom għall-ħabsijiet fl-istess belt fejn tgħix il-familja; b'hekk sar aktar faċli li l-familja tmur iżżur lill-priġunier. F'Kuba hawn 200 priġunier politiċi jew kif uħud issejħulhom **"priġunieri ta' kuxjenza"**;
- Il-Kardinal Mons. Jaime Ortega kellu laqgħa ta' 4 sigħat mal-President ta' Kuba Raul Castro; ġew ippjanati laqgħat oħra fil-futur qarib;
- Il-bieb għall-missjunarji ġodda f'Kuba huwa miftuħ. Meta jiena ġejt hawnhekk bħala missjuanrju 12-il sena ilu, il-kwota tad-dħul tal-missjunarji kienet ferm limitata, issa jekk m'humiex jidħlu missjunarji mhux għax il-Gvern iżomm, imma għax m'hemmx min irid jiġi.

Dawn huma fatturi li juru li l-Knisja Kattolika f'Kuba ħierġa mill-egħluq tal-katkombi sabiex tkunKnisja ħielsa sabiex taqdi l-missjoni tagħha, Knisja li wara snin twal ta' kontroll, siekta u ppersegwitata tidħol sabiex tagħmel l-esperjenza tal-Għid, billi mit-tbatija tal-Ġimgħa l-Kbira tgħaddi għall-esperjenza ta' Jum il-Ħadd tal-Għid, jum ta' qawmien, jum ta' ħajja ġdida. Jalla dan il-proċess, għalkemm għad hemm min qed joffri rezistenza għax ma jaqbilx li jseħħ, ikompli bla waqfien u b'kostanza kontinwa u gradwali għall-ġid tal-pajjiż u tal-Kubani kollha. •



# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel...

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' €580 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**P. Crispin Tabone OFMCap,**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**

## BARGAIN SALE B'RISQ IL-MISSJONI

Fil-garaxx tal-kunvent Kapuċċini San Ġwann (ħdejn il-knisja)

**PREZZIJIET MHUX AKTAR MINN €1.50**

Oġġetti: Ħwejjeġ/ Żraben/ Kotba/ Hand Bags/ Soft toys

Dati: 24/ 25/ 26/ 27 ta' Frar 2011; Ħinijiet: 8:30 – 12:30; 4 – 7pm